Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NORKUS
ippreżentati fl-10 ta’ April 2025[1]

**Kawża C-136/24 P**

**Alaa Hamoudi**
**vs**

**L-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex)**

“Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Intervent rapidu fil-Fruntieri minn Frontex insostenn tal-awtoritajiet Griegi fil-Baħar Eġew — Tkeċċija kollettiva (‘pushbacks’) allegatament imposta jew assistita minn Frontex — Regolament (UE) 2019/1896 — Nuqqas ta’ Frontex li tikkonsulta ma’ uffiċjal għad-drittijiet fundamentali — Nuqqas ta’ Frontex li tevalwa l-applikabbiltà tal-Artikolu 46(4) u (5) tar-Regolament 2019/1896 — Żball manifest ta’ evalwazzjoni — Ksur tal-Artikoli 1, 2, 3, 4, 18, 21 u tal-Artikolu 19(1) u (2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali — Dritt għall-ażil — Prinċipju ta’ non-refoulement — Dannu reali u ċert — Oneru tal-prova — Inverżjoni tal-oneru tal-prova — Kundizzjonijiet —Prova *prima facie* — Prinċipju ta’ opportunitajiet ugwali għall-partijiet”

## I. Introduzzjoni

1. F’dan l-appell mid-digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ Diċembru 2023, Hamoudi vs Frontex[2], il-Qorti tal-Ġustizzja trid tevalwa, fil-kuntest ta’ allegata tkeċċija kollettiva fil-Baħar tal-Eġew fit-28 u fid-29 ta’ April 2020 li tinvolvi lill-awtoritajiet Griegi u lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta (Frontex)[3], jekk rikorrent, li huwa allegat vittma ta’ din it-tkeċċija, huwiex obbligat jipproduċi “prova deċiżiva tal-eżistenza […] tad-dannu sostnut” f’rikors għal dannu mhux kuntrattwali kontra l-Unjoni Ewropea[4].

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] T-136/22, iktar ’il quddiem id-“digriet appellat ”, EU:T:2023:821.

[3] Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU 2019, L 295, p. 1) jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri u tal-Kosta (iktar ’il quddiem “Frontex”). Skont din id-dispożizzjoni, ir-rwol ta’ Frontex huwa li “tiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-fruntieri esterni bil-ħsieb li jiġu ġestiti dawk il-fruntieri esterni b’mod effiċjenti f’konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u biex tiżdied l-effiċjenza tal-politika ta’ ritorn tal-Unjoni. [Huwa] jindirizza sfidi migratorji u sfidi u theddidiet futuri potenzjali fil-fruntieri esterni. Huwa jiżgura livell għoli ta’ sigurtà interna fl-Unjoni b’rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi salvagwardjat il-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni. Huwa jikkontribwixxi għad-detezzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità transfruntiera fil-fruntieri esterni”.

[4] Ara d-digriet appellat , punt 29.

2. Minħabba n-natura illegali[5] u ħafna drabi moħbija ta' tali tkeċċijiet[6], il-pożizzjoni ta' vulnerabbiltà estrema li fiha l-allegati vittmi tagħhom jistgħu jsibu ruħhom fiha u l-iżbilanc bejn il-partijiet fl-azzjoni fir-rigward ta' informazzjoni u ta' provi[7], tqum kwistjoni ta' prinċipju dwar jekk il-protezzjoni effettiva, *inter alia*, tad-dritt għall-ażil u l-libertà mit-tkeċċijiet kollettivi u refoulement iggarantiti mill-Artikoli 18 u 19 tal-Karta rispettivament, flimkien mad-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq protetti mill-Artikolu 47 tal-Karta jistgħux jeħtieġu, f'ċerti ċirkustanzi, adattament tal-oneru tal-prova li normalment jaqa' fuq rikorrenti. Fl-istess ħin, oneru eċċessiv jew sproporzjonat ma jistax jitqiegħed fuq l-intimat billi konsegwentement jinkiser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq.

3. B'mod addizzjonali, wieħed irid ikun kawt fil-bidla tar-regoli dwar l-oneru tal-prova minħabba li, kif indikat mill-Qorti EDB, kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz jista' jsostni li huwa vittma ta' tkeċċija kollettiva billi jfassal ir-rakkont tiegħu sabiex taqbel ma' dik li tinsab, *inter alia*, f'rapporti nazzjonali jew internazzjonali[8]. F'ħafna okkażjonijiet, il-mistoqsija reali inkwistjoni ma hijiex jekk saritx tkeċċija kollettiva iżda jekk ir-rikorrent huwiex vittma tagħha.

4. F'dan l-appell, Alaa Hamoudi (iktar 'il quddiem l-"appellant"), ċittadin Sirjan, jitlob l-annullament tad-digriet appellat[9] li jiċħad ir-rikors tiegħu bbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għall-kumpens għad-dannu morali li huwa jsostni li sofra minħabba allegati azzjonijiet u ommissjonijiet illegali ta' Frontex fil-kuntest ta' intervent rapidu fil-fruntieri skont ir-Regolament 2019/1896[10] insostenn tal-awtoritajiet Griegi fir-reġjun tal-Baħar tal-Eġew f'April 2020. L-appellant isostni, b'mod partikolari, li fit-28 u fid-29 ta'

[5] L-Artikolu 19(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") jipprevedi li "it-tkeċċijiet kollettivi huma pprojbiti". B'żieda ma' dan, skont l-Artikolu 19(2) tagħha, "Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti." Dik id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-prinċipju ta' non-refoulement u hija marbuta mal-Artikolu 4 tal-Karta dwar il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti. Ara wkoll, is-sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Fiduċja reċiproka fil-każ ta' trasferiment) (C-392/22, EU:C:2024:195, punti 50 sa 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[6] Fis-sentenza tas-7 ta' Jannar 2025, A.R.E. vs Il-Greċja, (CE:ECHR:2025:0107JUD001578321, punt 230) (iktar 'il quddiem is-"sentenza A.R.E."), il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") għamlet riferiment għan-natura intrinsikament sigrieta u mhux uffiċjali tal-aġir inkwistjoni. Fil-fehma tiegħi, hija l-prassi għal tali tkeċċijiet kollettivi sabiex isiru f'ċirkustanzi klandestini u li jkunu limitati l-provi dokumentali jew saħansitra kwalunkwe prova dwarhom. Minn dan isegwi li, anki jekk hemm prova li turi b'mod espliċitu dan l-aġir illegali, din tista' tkun frammentata u skarsa. Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punti 55 sa 57) li tikkonċerna l-prova ta' parteċipazzjoni f'kartell.

[7] Huwa dubjuż għalhekk kemm l-awturi ta' tali tkeċċijiet ser jammettu malajr dwar l-azzjonijiet tagħhom u tista' tkun diffiċli li tiġi stabbilita l-prova tagħhom. Fis-sentenza A.R.E., punt 218, il-Qorti EDB indikat il-fatt li r-rikorrenti jistgħu jsibu ruħhom f'pożizzjoni ta' prova diffiċli u għalhekk ma jkunux jistgħu jistabbilixxu l-veraċità tar-rakkont tagħhom.

[8] Ara s-sentenza A.R.E., punt 218.

[9] Bħala manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt. Ara l-Artikolu 126 tar-Regoli dwar il-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni.

[10] Il-kliem "intervent rapidu fil-fruntieri" ma huwiex iddefinit mir-Regolament 2019/1896. Il-premessa 49 ta' dan ir-regolament tiddikjara madankollu li "fejn ikun hemm sfida speċifika u sproporzjonata fil-fruntieri esterni, jenħtieġ li [Frontex], jew fuq inizjattiva proprja u bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat jew fuq talba ta' dak l-Istat Membru, torganizza u tikkoordina interventi rapidi fil-fruntieri u tibgħat kemm timijiet mill-korpi permanenti tagħmir tekniku, inkluż mir-riżerva ta' tagħmir tar-reazzjoni rapida [...] Jenħtieġ li [Frontex] u l-Istat Membru kkonċernat jiftiehmu dwar pjan operazzjonali."

April 2020 huwa kien vittma ta' tkeċċija kollettiva minħabba l-awtoritajiet Griegi. Huwa jiddikjara, *inter alia*, li Frontex hija l-awtur jew il-koawtur [11] ta' din it-tkeċċija li kkawżatlu dannu morali.

## II. Terminoloġija

5. L-appellant jagħmel riferiment fil-motivi tiegħu [12] għal tkeċċijiet kollettivi [13] u għall-kelma informali "pushbacks" [14]. Tali tkeċċijiet huma kkaratterizzati, *inter alia*, mill-assenza ta' evalwazzjoni individwali tad-dritt għall-ażil u d-dritt ta' non-refoulement ta' persuna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-prattika ta' pushbacks lejn il-fruntieri esterni tal-Unjoni, li effettivament teskludi mit-territorju tal-Unjoni persuni li jixtieqū li jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew li twarrab minn dan it-territorju lil persuni li jkunu ppreżentaw tali applikazzjoni mad-dħul fl-imsemmi territorju, qabel ma din l-applikazzjoni tkun is-suġġett tal-eżami previst mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, tmur kontra l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2013/32/UE [15]. B'żieda ma' dan, il-prattika tal-pushbacks tista' tkun inkompatibbli mal-prinċipju ta' non-refoulement skont l-Artikolu 18 tal-Karta, moqri flimkien mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni ta' Genève [16] u l-Artikolu 19(2) tal-Karta jekk tikkonsisti fir-ritorn sommarju ta' persuni li jkunu jixtieqū jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni

[11] Il-qrati tal-Unjoni għandhom ġurisdizzjoni, skont l-Artikolu 268 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, sabiex jittrattaw kawżi ta' kumpens għad-dannu, allegatament imġarrab minħabba l-aġir ta' aġenzija tal-Unjoni bħal Frontex fejn hija tipparteċipa fi tkeċċijiet kollettivi illegali mwettqa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-30 ta' Novembru 2023, Sistem ecologica vs Il-Kummissjoni (C-787/22 P, mhux ippubblikata, EU:C:2023:940, punt 92). Ara wkoll l-Artikolu 97 tar-Regolament 2019/1896 intitolat "Responsabbiltà", li l-paragrafu 4 tagħha jipprevedi li "[f]il-każ ta' responsabbiltà mhux kuntrattwali, [Frontex] għandha, f'konformità mal-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kwalunkwe dannu kkaġunat mid-dipartimenti jew mill-persunal tagħha fit-twettiq ta' dmirijiethom, inklużi dawk relatati mal-użu tas-setgħat eżekuttivi". L-Artikolu 7 tar-Regolament 2019/1896 intitolat "Responsabbiltà kondiviża" jagħmel riferiment għar-responsabbiltajiet ta' Frontex u tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom. Id-distribuzzjoni eżatta tar-responsabbiltà ma hijiex, madankollu, daqstant ċara u preżentement ma hemm l-ebda ġurisprudenza li tiċċara din id-dispożizzjoni jew saħansitra l-interazzjoni tagħha mal-Artikolu 97 tar-Regolament 2019/1896.

[12] Quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja.

[13] Fil-fatt dan il-kliem ma jintużax fid-digriet appellat . Ara, madankollu, l-Artikolu 19(1) tal-Karta li huwa invokat mill-appellant. Ara wkoll, l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 4 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"KEDB") li jipprevedi "[i]t-tkeċċija kollettiva ta' frustieri hija pprojbita". L-allegati avvenimenti kkonċernaw 22 persuna u l-azzjonijiet kienu għalhekk kollettivi fin-natura tagħhom iktar milli diretti lejn individwu wieħed.

[14] Il-Kummissjoni Ewropea tinnota li "filwaqt li ma hemm l-ebda definizzjoni legali maqbula fuq livell internazzjonali tal-kelma pushback fil-qasam tal-migrazzjoni, jista' jinftiehem bħala aġir li jikser ir-regola ġenerali ta' "non-refoulement" (traduzzjoni mhux uffiċjali); disponibbli fuq
https://home-affairs.ec.europa.eu/networks/european-migration-network-emn/emn-asylum-and-migration-glossary/glossary/push-back_en
Pushbacks ġew iddefiniti ukoll bħala "diversi miżuri meħuda minn Stati li jirriżultaw fil-migranti, inkluż (applikanti għal protezzjoni internazzjonali), li jiġu mġiegħla b'mod sommarju jmorru lura, mingħajr evalwazzjoni individwali tal-bżonnijiet tagħhom għal protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, lejn il-pajjiż, territorju jew baħar […] li minnu huma ppruvaw jaqsmu jew qasmu fruntiera internazzjonali" (traduzzjoni mhux uffiċjali). Barra minn hekk, "l-assenza ta' evalwazzjoni individwali […] [tista' twassal għal ksur] tal-projbizzjoni ta' refoulement" (traduzzjoni mhux uffiċjali). Ara Nazzjonijiet Uniti, Rapport dwar il-mezzi li bihom jiġi indirizzat l-impatt tal-pushbacks tal-migranti fuq l-art u fuq il-baħar – Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tal-Migranti, tat-12 ta' Mejju 2021, ippreżentat lill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-47 sessjoni tiegħu, Ġunju 2021; disponibbli fuq https://docs.un.org/en/A/HRC/47/30.

[15] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

[16] Il-Konvenzjoni li tirrigwarda l-Istatus tar-Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata mill-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967.

internazzjonali fl-Unjoni, lejn pajjiż terz li fit-territorju tiegħu huma jirriskjaw il-persekuzzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ukoll li l-pushbacks jikkostitwixxu nuqqasijiet serji, *inter alia*, fil-proċedura tal-ażil[17].

## III. Sfond tat-tilwima

6. Frontex operat fil-Baħar Eġew mill-2006 permezz ta' Operazzjoni Konġunta[18] Poseidon. Fl-1 ta' Marzu 2020, il-Kyvernitiko Symvoulio Ethnikis Asfaleias (il-Kunsill tal-Gvern dwar is-Sigurtà Nazzjonali, il-Greċja) (iktar 'il quddiem il-"KYSEA"), issospenda s-sistema tal-ażil Griega u introduċa kontrolli fil-fruntieri ġodda għal perijodu ta' xahar (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni KYSEA")[19]. F'din id-data, ir-Repubblika Ellenika talbet lil Frontex sabiex tniedi intervent rapidu fil-fruntieri fil-Baħar Eġew, li ġien approvat mid-Direttur Eżekuttiv ta' Frontex (iktar 'il quddiem id-"DE") il-ġurnata sussegwenti.

7. Fil-motivi tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant għamel riferiment fid-dettall għal numru ta' inċidenti fil-baħar tal-Eġew f'Marzu u f'April 2020 fejn sostna li dawn kienu jikkostitwixxu tkeċċijiet kollettivi. B'mod partikolari, huwa sostna li kien il-vittma ta' tkeċċija kollettiva fit-28 u fid-29 ta' April 2020, li saret fil-kuntest tal-attivitajiet ta' Frontex fil-baħar tal-Eġew. Fil-punt 36 tad-digriet appellat , il-Qorti Ġenerali ddikjarat li l-appellant sostna li "fit-28 ta' April 2020, madwar is-7:30., 22 persuna, inkluż hu, waslu fuq il-gżira ta' Samos fil-Greċja. Huma waslu fuq il-bajja ħdejn il-muntanji, li bdew jitilgħu wara li telqu d-dgħajsa. [...] malli waslu fil-quċċata tal-muntanja, [l-appellant] ġibed ritratti u vidjos u bagħathom lil qarib tiegħu fl-Awstrija. Il-grupp qatta' ftit sigħat jistaqsi lir-residenti sabiex iċemplu lill-pulizija. Meta l-uffiċjali tal-pulizija waslu, ikkonfiskaw il-mobiles tagħhom u wasslu lill-grupp sal-bajja fi trakk tat-tip "pick-up" fejn kien hemm vapur żgħir u dgħajsa żgħira. Il-membri kollha tal-grupp twasslu sussegwentement fuq dgħajsa oranġjo żgħira li, skont [l-appellant], kienet raft tas-salvataġġ mingħajr l-ebda mezz ta' propulsjoni. Meta kien fuq il-baħar, il-grupp kien ġie

[17] Sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Fiduċja reċiproka fil-każ ta' trasferiment) (C-392/22, EU:C:2024:195, punti 50, 52, 53 u 57). Skont il-Qorti EDB, filwaqt li Stati Kontraenti tal-KEDB għandhom id-dritt sabiex jikkontrollaw id-dħul, ir-residenza u t-tneħħija ta' barranin, l-isfidi li huma jistgħu jiltaqgħu magħhom fil-ġestjoni ta' mixjiet migratorji jew fir-riċeviment tal-applikanti għall-ażil ma jistgħux jiġġustifikaw l-użu ta' prattiċi li huma inkompatibbli mal-KEDB u l-Protokolli tagħha. Tkeċċija titqies li hija "kollettiva" għall-finijiet tal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 4 tal-KEDB jekk hija tobbliga lill-barranin, bħala grupp, li jitilqu minn pajjiż, "ħlief fejn tali miżura tittieħed fuq il-bażi ta' eżami raġonevoli u oġġettiv tal-każ partikolari ta' kull individwu barrani tal-grupp" (traduzzjoni mhux uffiċjali), (ara l-Qorti EDB, 13 ta' Frar 2020, N.D. u N.T. vs Spanja, (CE:ECHR:2020:0213JUD000867515, punti 167, 170 u 193, iktar 'il quddiem is-"sentenza N.D. u N.T. vs Spanja"). Ir-Reġistratur tal-Qorti EDB indika li hemm "preżentement 'il fuq minn tletin kawża pendenti quddiem dik il-qorti kontra l-Litwanja, il-Latvja u l-Polonja li jikkonċernaw is-sitwazzjoni fil-fruntieri Bjelorussu mir-Rebbiegħa 2021 sas-Sajf 2023" (traduzzjoni mhux uffiċjali) (stqarrija għall-istampa tal-4 ta' Lulju 2024, KEDB 176 (2024)).

[18] Skont l-Artikolu 37(1) tar-Regolament 2019/1896, "Stat Membru jista' jitlob li [Frontex] tniedi operazzjonijiet konġunti biex jiffaċċja l-isfidi li jkunu ġejjin, inkluż l-immigrazzjoni illegali, it-theddid fil-preżent jew fil-futur fil-fruntieri esterni tiegħu jew il-kriminalità transfruntiera, jew tipprovdi aktar assistenza teknika u operazzjonali meta dan jimplimenta l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-kontroll fuq il-fruntieri esterni. [...]"

[19] L-appellant sostna fir-rikors tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali li d-deċiżjoni KYSEA mhux biss issospendiet is-sistema tal-ażil, iżda hija introduċiet ukoll politika tal-istat ġdida, li inkludiet tkeċċijiet kollettivi. Fl-appell tiegħu, l-appellant isostni li d-deċiżjoni kien fiha erba' komponenti marbuta: il-prevenzjoni tad-dħul illegali fir-Repubblika Ellenika, is-sospensjoni temporanja tal-applikazzjonijiet tal-ażil minn dawk li jidħlu f'dan l-Istat Membru b'mod illegali, ir-ritorn immedjat 'mingħajr reġistrazzjoni' ta' dawk li jidħlu f'dan l-Istat Membru b'mod illegali u s-sottomissjoni ta' talba lil Frontex għall-"iżvilupp tat-'timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri'".

mġiegħel li jbiddel id-dgħajjes darbtejn oħra. Skont [l-appellant], dawn it-trasferimenti minn dgħajsa għal dgħajsa komplew ukoll mal-lejl u sal-wara nofsinhar tad-29 ta' April 2020, meta l-gwardja tal-kosta Torka finalment ġabrithom"[20].

8. L-appellant sostna quddiem il-Qorti Ġenerali li Frontex, permezz tal-azzjonijiet u l-ommissjonijiet tagħha, naqset milli tikkonforma ruħha mal-obbligi tagħha skont l-Artikoli 38, 46 u 80 tar-Regolament 2019/1896 u l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 18, 21 u l-Artikolu 19(1) u (2) tal-Karta.

9. Fl-ewwel motiv tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant sostna, *inter alia*, li d-DE naqas milli jikkonsulta lill-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali ta' Frontex (iktar 'il quddiem il-"UDF") kif meħtieġ mill-Artikolu 46(5) tar-Regolament 2019/1896[21] qabel ma nieda l-intervent rapidu fil-fruntieri fil-Baħar Eġew. Frontex wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, għamlet użu ħażin mill-poter u naqset mid-dmir tad-diliġenza fl-aġir tagħha u għalhekk naqset milli tosserva l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. B'żieda ma' dan, id-DE naqas milli jeżamina l-applikabbiltà tal-Artikolu 46(5) tar-Regolament 2019/1896 jew wettaq evalwazzjoni żbaljata tal-applikazzjoni tiegħu qabel ma nieda l-intervent rapidu fil-fruntieri. Kien hemm raġunijiet serji *prima facie* sabiex ma jingħatax bidu għal dan l-intervent fid-dawl tan-natura manifestament illegali tad-deċiżjoni KYSEA u l-probabbiltà li s-sospensjoni, *inter alia*, tad-dritt nazzjonali tal-ażil li jinsab fiha twassal għall-ksur tad-drittijiet fundamentali. L-appellant sostna li l-avvenimenti tat-28 u tad-29 ta' April 2020 kisru d-dinjità u l-integrità umana tiegħu, issoġġettawh għal tortura u trattament inuman u degradanti, u ċaħduh mid-dritt għall-ażil u mill-protezzjoni minn tkeċċija kollettiva. Din it-tkeċċija u s-sofferenza li rriżultat ma kinux iseħħu li kieku Frontex ma kisritx l-obbligi tagħha superviżorji u ta' protezzjoni. L-eżekuzzjoni ta' tkeċċijiet kollettivi fil-kuntest tad-deċiżjoni KYSEA kienet tiddependi mit-tnedija tal-intervent rapidu fil-fruntieri fil-Baħar tal-Eġew. Frontex hija għalhekk il-koawtur tat-tkeċċija kollettiva tal-appellant.

10. Fit-tieni motiv tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant sostna, *inter alia*, li fiż-żmien tat-tkeċċija kollettiva tiegħu u minkejja l-ksur *prima facie* tad-drittijiet fundamentali, Frontex naqset milli tadotta l-miżuri gradwali u ta' prekawzjoni preskritti mill-Artikolu 46(4) tar-Regolament 2019/1896[22]. In-nuqqas ta' Frontex milli taġixxi skont din id-dispożizzjoni wassal ukoll għal ksur tal-Artikolu 80 tar-Regolament 2019/1896[23], tal-KEDB u tal-ġurisprudenza

[20] Ara wkoll il-punti 2 sa 5 tad-digriet appellat fejn il-Qorti Ġenerali ddikjarat: "[L- appellant] isostni li, fit-28 ta' April 2020, meta wasal mit-Turkija bid-dgħajsa, huwa daħal fit-territorju Grieg, jiġifieri l-gżira ta' Samos, ma' grupp ta' persuni oħrajn sabiex ifittxu l-ażil. Huwa jiddikjara, barra minn hekk, li, wara li żbarkaw fuq din il-gżira, il-pulizija lokali waqqfu lilu u lill-oħrajn u, f'dak l-istess jum, l-awtoritajiet Griegi bagħtuh lura fuq il-baħar fejn, il-ġurnata sussegwenti, tela' abbord bastiment tal-gwardja tal-kosta Torka u bagħtuh lura fit-territorju Tork […][Huwa] jsostni li fid-29 ta' April 2020, matul il-ħin tiegħu fuq il-baħar, ajruplan ta' sorveljanza privat, allegatament mgħammar b'camera u ġestit mill-Frontex, għadda minn fuq ix-xena darbtejn. L-[appellant] jiddikjara li, wara l-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020, huwa ġie ttrasferit f'ċentru tad-detenzjoni fit-Turkija fejn inżamm għal għaxart' ijiem. Huwa sussegwentement irċieva ordni ta' tkeċċija u ġie kkonfiskat il-passaport tiegħu Sirjan. Konsegwentement, kien maqbud fit-Turkija mingħajr aċċess għas-sistema tal-ażil, u għex bħala klandestin taħt theddida imminenti ta' refoulement lejn is-Sirja […] [Sadanittant, l-appellant] irnexxielu jidħol fit-territorju tal-Istati Membri tal-Unjoni u jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja".

[21] Skont l-Artikolu 46(5) tar-Regolament 2019/1896, "id-[DE] għandu, wara li jikkonsulta lill-[UDF], jiddeċiedi li ma jniedi l-ebda attività mill-[Frontex] fejn huwa jqis li diġà kien hemm raġunijiet serji fil-bidu tal-attività biex jissospendiha jew ittemmha minħabba li tista' twassal għal ksur ta' drittijiet fundamentali jew tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali ta' natura serja. Id-[DE] għandu jinforma lill-Istat Membru kkonċernat b'dik id-deċiżjoni". L-appellant ikkunsidra li l-ksur ta' din id-dispożizzjoni kien jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali intiża li tagħti drittijiet lill-individwi. Ara s-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni (C-352/98 P, EU:C:2000:361, punt 42). L-appellant enfasizza l-fatt li r-rekwiżit li jiġi kkonsultat l-UDF stabbilit fl-Artikolu 46(5) tar-Regolament 2019/1896 ma jħalli l-ebda marġini ta' diskrezzjoni.

[22] L-Artikolu 46(4) tar-Regolament 2019/1896 jipprevedi li "id-[DE] għandu, wara li jikkonsulta lill-[UDF] u jinforma lill-Istat Membru kkonċernat, jirtira l-finanzjament ta' kwalunkwe attività mill-[Frontex], jew jissospendi jew itemm, kwalunkwe attività mill-[Frontex], kompletament jew parzjalment jekk huwa jqis li hemm ksur ta' drittijiet fundamentali jew tal-obbligi ta' protezzjoni internazzjonali relatati mal-attività kkonċernata. li huma ta' natura gravi jew li x'aktarx jippersistu".

[23] Li jeħtieġ li Frontex tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

tal-Qorti EDB. Sussidjarjament, l-appellant sostna li Frontex, permezz tal-azzjonijiet tad-DE tagħha, "wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u użu ħażin ta' poter" meta kkunsidrat li ma hemm l-ebda ksur fis-sens tal-Artikolu 46(4) tar-Regolament 2019/1896.

11. Fit-tielet motiv tiegħu quddiem il-Qorti Ġenerali, l-appellant sostna li Frontex hija "l-awtriċi reali" tat-tkeċċija kollettiva tat-28 u d-29 ta' April 2020 li kienet ġiet eżegwita b'mod konformi u kienet ir-riżultat dirett tal-Pjan Operattiv legalment vinkolanti tal-Operazzjoni ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri tal-Baħar Eġew. Il-pjan operattiv kien ġie adottat bi ksur tal-Artikolu 38(3)(m) tar-Regolament 2019/1896 minħabba li għamel riferiment għal "proċedura tal-ażil ineżistenti". L-appellant sostna, b'mod sussidjarju, li jekk il-Qorti Ġenerali kellha tikkunsidra li l-inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020 ma kienx attribwibbli lil Frontex fuq il-bażi tal-pjan operattiv, allura din l-aġenzija madankollu kienet responsabbli għall-għajnuna u għall-assistenza tal-ksur tad-drittijiet fundamentali. "[Frontex] tal-inqas għenet u assistiet l-eżekuzzjoni tat-'tattiċi' ġodda ta' natura 'preventiva' bil-kontribut finanzjarju, operattiv u politiku – mill-abbozzar tal-[pjan operattiv għall-intervent rapidu fil-fruntieri tal-Baħar Eġew], bit-tnedija, il-finanzjament u l-koordinazzjoni tiegħu, in-nuqqas ta' sospensjoni jew terminazzjoni tiegħu, sal-involviment tal-[ajruplan ta' sorveljanza tal-Frontex] fl-inċident innifsu]." Skont l-appellant, l-ajruplan ta' sorveljanza tal-Frontex għadda minn fuq it-tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020 u għalhekk kellha l-għarfien speċifiku ta' dan l-inċident iżda xorta waħda naqset milli tirrapportaha.

12. L-appellant sostna li t-tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020 attribwibbli lil Frontex ikkawżatlu dannu morali kompost minn żewġ aspetti differenti. L-ewwel, huwa sostna dannu li jirriżulta mill-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu skont l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 18, 21 u l-Artikolu 19(1) u (2) tal-Karta fl-ammont ta' EUR 250 000. F'dan ir-rigward, l-appellant jikkunsidra li jekk il-pjan operattiv kien osserva r-Regolament 2019/1896 u Frontex kienet naqset milli tiffaċilita l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni KYSEA, it-tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020 ma kinitx isseħħ. B'mod sussidjarju, it-tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020 ma kinitx isseħħ mingħajr l-għajnuna u l-assistenza ta' Frontex. It-tieni, l-appellant talab EUR 250 000 għal dannu *sui generis* li jirriżulta mill-fatt li l-awtur tat-28 u tad-29 ta' April 2020 tat-tkeċċija kollettiva kien aġenzija tal-Unjoni. Li kieku Frontex kienet naqset milli "tordna jew tassisti" t-twettiq tat-tkeċċija kollettiva illegali, l-appellant kien jevita "s-sentiment ta' inġustizzja u frustrazzjoni".

13. Sabiex isostni t-talbiet tiegħu fir-rigward tal-preżenza u l-involviment tiegħu fl-allegata tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-appellant invoka: id-dikjarazzjoni tax-xhieda tiegħu stess; artiklu tal-istampa ta' Bellingcat, ippubblikat online fl-20 ta' Mejju 2020; żewġ videos fuq YouTube inklużi f'dan l-artiklu; u erba' ritratti li huma ritratti li huma screenshots bil-kulur meħudin mill-videos li ssemmew f'dak l-artiklu.

14. Frontex ikkontestat dawn it-talbiet. B'mod partikolari, hija sostniet li l-appellant ma kienx ipproduċa prova deċiżiva li huwa kien affettwat mill-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020. Frontex iddikjarat li hija ma kinitx "ġiet innotifikata dwar inċident u lanqas ma rċeviet xi informazzjoni marbuta mal-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020. Hija [ddikjarat] ukoll li l-oneru tal-prova jaqa' fuq [l-appellant] biex juri li kien affettwat mill-allegat inċident u li huwa ma [kien] ipproduċa l-ebda prova deċiżiva dwar dan il-punt fir-rikors tiegħu. F'dan ir-rigward, Frontex [esprimiet] dubji dwar is-saħħa probatorja tad-dikjarazzjoni tax-xhieda tar-rikorrent u stqarret li huwa ma kien semma lill-ebda waħda mit-22 persuna oħra allegatament ikkonċernati mill-inċident bħala xhieda. B'mod addizzjonali, hija [sostniet] li [l-appellant] la jista' jiġi identifikat fir-ritratti inklużi bħala [annessi] mar-rikors u lanqas fil-videos fl-artiklu tal-Bellingcat tal-20 ta' Mejju 2020. Hija [żiedet] li r-ritratti ma humiex datati u jistgħu, għalhekk,

jirrigwardaw kwalunkwe avveniment li jkun sar fi kwalunkwe data. Barra minn dan, hija [osservat] li [l-appellant] qatt ma pprovda ir-ritratti u l-videos allegatament meħuda fuq il-gżira ta' Samos. Fl-aħħar, fir-rigward tal-links tas-siti internet li juru l-videos, hija [sostniet] li ma għandhomx ikunu l-Frontex jew il-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jestrapolaw informazzjoni mis-siti internet, li l-kontenut tagħhom ma huwiex anness mar-rikors u li, għalhekk, din l-informazzjoni [kienet] inammissibbli[24].

15. Fid-digriet appellat , il-Qorti Ġenerali fakkret it-tliet kundizzjonijiet kumulattivi li għandhom jintlaħqu sabiex l-Unjoni ġġarrab ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali fir-rigward tad-dannu kkawżat minn Frontex jew mill-uffiċjali tagħha fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom, jiġifieri, aġir illegali minn aġenzija bħall-Frontex, dannu reali u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir illegali u d-dannu inkwistjoni[25]. Jekk wieħed minn dawn il-kundizzjonijiet kumulattivi ma jiġix issodisfat, ir-responsabbiltà ma tiġġarabx.

16. Fid-dawl tal-fatt li ma hemm l-ebda rekwiżit li jiġu eżaminati dawn it-tliet kundizzjonijiet f'xi ordni partikolari, il-Qorti Ġenerali għażlet li teżamina l-kundizzjoni li tikkonċerna d-dannu[26].

17. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-provi prodotti mill-appellant kienu manifestament insuffiċjenti sabiex juru b'mod deċiżiv li huwa kien preżenti u kien involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020 u għalhekk iddeċidiet li l-appellant kien naqas milli juri l-allegat dannu. Dik il-qorti ċaħdet ir-rikors bħala manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt, mingħajr ma ġie eżaminat jekk ġewx issodisfatti l-kundizzjonijiet l-oħrajn għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Frontex[27]. Fid-digriet appellat , il-Qorti Ġenerali għalhekk ma eżaminatx l-allegat aġir illegali tal-Frontex jew l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan l-aġir u l-allegat dannu għaliex il-kundizzjoni li tikkonċerna d-dannu ma kinitx issodisfatta[28].

## IV. L-appell

### *Argumenti tal-partijiet*

18. L-appellant qajjem aggravju wieħed. Huwa jsostni li fid-digriet appellat il-Qorti Ġenerali kisret l-Artikolu 52(3) tal-Karta[29] u l-prinċipji ġenerali li jikkonċernaw l-oneru tal-prova. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti EDB "id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova u l-livell ta' konvinzjoni neċessarji sabiex tintlaħaq konklużjoni partikolari huma marbuta intrinsikament mal-ispeċifiċità tal-fatti, man-natura tal-allegazzjoni magħmula u d-dritt tal-[KEDB] inkwistjoni" (traduzzjoni mhux uffiċjali)[30]. Minħabba l-pożizzjoni vulnerabbli tal-persuni li qegħdin ifittxu

[24] Ara d-digriet appellat , punt 38.

[25] *Ibid*, punti 19 sa 21.

[26] *Ibid*, punti 23 u 24.

[27] *Ibid*, punt 62.

[28] *Ibid*, punti 61 u 62. Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2023, WS *et* vs Frontex (T-600/21, EU:T:2023:492), li fiha l-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors ibbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE wara eżami tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-allegat dannu u ksur tad-dritt tal-Unjoni. F'dik il-kawża, ir-rikorrenti talbu kumpens għad-dannu allegatament soffert minnhom wara operazzjoni ta' ritorn konġunta mwettqa minn Frontex u mir-Repubblika Ellenika, li rriżultat, *inter alia*, fit-trasferiment tar-rikorrenti lejn it-Turkija. Ġie ppreżentat appell minn din is-sentenza fl-14 ta' Novembru 2023, ara l-Kawża C-679/23 P.

[29] Din id-dispożizzjoni tiddikjara li "Safejn din il-Karta fiha drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-[KEDB], it-tifsira u l-ambitu ta' dawk id-drittijiet għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti mill-[KEDB]. Din id-dispożizzjoni ma żżommx lil-liġi ta' l-Unjoni milli jipprevedi protezzjoni aktar estensiva".

[30] Ara s-sentenza N.D. u N.T. vs Spanja, punt 85 u Qorti EDB, 18 ta' Novembru 2021, M.H. *et* vs Il-Kroazja (CE:ECHR:2021:1118JUD001567018 punt 268, iktar 'il quddiem is-"sentenza M.H. *et* vs Il-Kroazja").

l-ażil, b'mod partikolari fil-kawżi tat-tkeċċija, il-Qorti EDB ddeċidiet li huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet kollha li jistgħu jiltaqgħu magħhom meta jinġabru l-provi. Nuqqas ta' provi diretti għalhekk ma jistax ikun deċiżiv *per se*[31]. Fejn hemm inċertezza ta' provi, "minħabba s-sitwazzjoni speċjali li fiha l-persuni li qegħdin ifittxu l-ażil ħafna drabi jsibu ruħhom fiha, ikun ta' spiss neċessarju li jingħatalhom il-benefiċċju tad-dubju meta tiġi evalwata l-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet tagħhom u tad-dokumenti ppreżentati [...]" (traduzzjoni mhux uffiċjali)[32]. Fil-każ ta' pushbacks marittimi, il-Qorti EDB enfasizzat il-bżonn li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet fil-produzzjoni tal-provi dwar aspetti tal-każ li l-awtoritajiet biss kienu mgħarrfa dwarhom[33]. Barra minn hekk, f'kawża bħal din preżenti, fejn l-appellant ipproduċa prova *prima facie* insostenn tal-verżjoni tiegħu tal-avvenimenti, l-oneru tal-prova għandu jaqleb għall-parti l-oħra[34]. Reġistrazzjoni ta' sorveljanza bil-vidjo tista' tkun prova kritika għall-istabbiliment tal-fatti rilevanti[35].

19. L-appellant isostni li huwa ppreżenta prova *prima facie* tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-operazzjoni tal-pushback inkwistjoni u ta rakkont koerenti u ddettaljata taċ-ċirkustanzi individwali u tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-avvenimenti inkwistjoni. Huwa pprovda reġistrazzjoni bil-video li turi l-pushback deskritt minnu, li fih isostni li huwa identifikabbli. Barra minn dan, Frontex ma tikkontestax l-allegazzjoni tal-appellant fir-rigward tal-inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020[36]. L-interpretazzjoni żbaljata tal-Qorti Ġenerali tal-prinċipji legali dwar l-oneru tal-prova żgurat li l-livell minimu ta' protezzjoni stabbilit mill-KEDB ma ġiex irrispettat kif meħtieġ mill-Artikolu 52(3) tal-Karta. L-applikazzjoni stretta tal-Qorti Ġenerali[37] tal-oneru tal-prova taffettwa b'mod sinjifikattiv l-*effet utile* tad-drittijiet tal-Karta invokati f'din il-kawża u tikkomprometti d-dritt għal rimedju effettiv sanċit fil-Karta u l-prinċipju ta' "sistema kompluta ta' rimedji" stabbilit mit-Trattati.

20. Frontex issostni, essenzjalment, li l-appell huwa manifestament inammissibbli għaliex huwa sempliċement jikkontesta l-evalwazzjoni tal-provi tal-Qorti Ġenerali. Il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB ma tistax tipprevalixxi fuq id-dritt primarju tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, Frontex tfakkar li skont l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, appell huwa limitat għal punti ta' dritt.

### *Evalwazzjoni*

21. F'dan l-appell, dak li huwa inkwistjoni huwa jekk l-appellant kienx il-vittma u għalhekk sofriex dannu minħabba l-allegata tkeċċija kollettiva tat-28 u tad-29 ta' April 2020. Din l-analiżi hija marbuta mill-qrib mal-kwistjoni dwar jekk Frontex kisritx id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikoli 18 u 19 tal-Karta fil-kuntest ta' dawn l-allegati avvenimenti. L-istess ċirkustanzi jistgħu għalhekk ikunu rilevanti, tal-inqas sa ċertu punt, għall-analiżi tal-allegat aġir illegali ta' Frontex, dannu reali u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir illegali u d-dannu inkwistjoni.

[31] Qorti EDB, 23 ta' Awwissu 2016, J.K *et* vs L-Isvezja, (CE:ECHR:2016:0823JUD005916612 punti 92 sa 97, iktar 'il quddiem is-"sentenza J.K *et* vs L-Isvezja").

[32] *Ibid*, punti 93 u 97.

[33] Qorti EDB, 7 ta' Lulju 2022, Safi *et* vs Il-Greċja (CE:ECHR:2022:0707JUD000541815).

[34] Ara s-sentenza ta' N.D. u N.T. vs Spanja, punt 85 u s-sentenza M.H. *et* vs Il-Kroazja, punt 268.

[35] Sentenza M.H. *et* vs Il-Kroazja, punt 271.

[36] Ara s-sentenza N.D. u N.T. vs Spanja, punt 85.

[37] Jekk mhux l-applikazzjoni impossibbli ta' dan l-oneru fil-kuntest ta' pushbacks.

22. Madankollu, sabiex inżomm mat-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiena ser nillimita l-konklużjonijiet tiegħi għal analiżi tal-allokazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova fir-rigward tal-eżistenza tad-dannu fil-kawżi ta' tkeċċija kollettiva. L-għan ta' dawn il-konklużjonijiet huwa għalhekk sabiex jassistu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi regola dwar id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova f'dawn il-kawżi.

23. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell huwa ammissibbli fuq punti ta' dritt biss. Għall-kuntrarju tas-sottomissjoni ta' Frontex fil-punt 20 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni f'kawżi tal-appell sabiex tistħarreġ jekk ġewx osservati r-regoli li jikkonċernaw l-oneru tal-prova [38].

*Punti preliminari*

24. Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni li tirregola l-kunċett tal-prova. Il-qrati tal-Unjoni stabbilixxew prinċipju ta' amministrazzjoni libera jew ta' libertà tal-mezzi ta' prova, li għandu jkun interpretat bħala l-fakultà ta' użu ta' mezzi ta' provi ta' kull natura sabiex jiġi ppruvat fatt partikolari, bħal xhieda orali, prova dokumentali, ammissjonijiet, fost oħrajn [39]. Dan l-approċċ huwa pjuttost simili għal dak applikat mill-Qorti EDB [40].

[38] Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni sabiex tistabbilixxi l-fatti, jew, bħala prinċipju, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti Ġenerali aċċettat insostenn ta' dawn il-fatti. Sakemm il-prova nkisbet b'mod tajjeb u l-prinċipji ġenerali tal-liġi u r-Regoli tal-Proċedura fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova ġew osservati, il-Qorti Ġenerali biss għandha tevalwa s-saħħa li għandha tingħata lill-provi prodotti quddiemha. Ħlief fejn ikun hemm l-iżnaturament tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Ġenerali, din l-evalwazzjoni għalhekk ma tikkostitwixxix punt ta' dritt li huwa suġġett għall-istħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistħarreġ il-konstatazzjonijiet ta' fatt mill-Qorti Ġenerali testendi, *inter alia*, għall-kwistjoni dwar jekk ir-regoli fil-qasam tal-oneru u tal-amministrazzjoni tal-prova ġewx osservati (ara, għal dan il-għan, is-sentenza tas-27 ta' Jannar 2021, The Goldman Sachs Group vs Il-Kummissjoni, C-595/18 P, EU:C:2021:73, punti 48 u 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[39] Ara, għal dan il-għan, is-sentenzi tat-23 ta' Marzu 2000, Met-Trans and Sagpol (C-310/98 u C-406/98, EU:C:2000:154, punt 29) u tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens *et* vs Il-Kummissjoni (C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, EU:C:2013:866, punt 130); Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi f'Archer Daniels Midland vs Il-Kummissjoni (C-511/06 P, EU:C:2008:604, punti 113 u 114) u s-sentenza tal-10 ta' Mejju 2023, Ryanair u Condor Flugdienst vs Il-Kummissjoni (Lufthansa; COVID-19) (T-34/21 u T-87/21, EU:T:2023:248, punt 81).

[40] Ara l-punt 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

25. Skont il-prinċipju legali *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*[41], l-*onus* jew l-oneru tal-prova f'kawżi ċivili jaqa' fuq ir-rikorrent u mhux fuq l-intimat. Din ir-regola antika jew stabbilita hija aċċettata b'mod universali mill-Istati Membri bħala r-regola ġenerali dwar l-oneru tal-prova[42] f'tali kawżi u hija, fi kwalunkwe każ, ir-regola applikabbli, bħala prinċipju, f'dan ir-rikors għad-danni.

26. Fl-applikazzjoni tar-regola ġenerali dwar l-oneru tal-prova, huwa għalhekk neċessarju li l-appellant jipprova, *inter alia*, li l-allegata tkeċċija kollettiva seħħet u li huwa kien il-vittma tagħha. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, hija mitluba mill-appellant sabiex tadatta din ir-regola ġenerali fid-dawl taċ-ċirkustanzi uniċi f'din il-kawża sabiex tinkiseb distribuzzjoni "ġusta" ta' dan l-oneru.

27. Filwaqt li l-appellant jistrieħ prinċipalment fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-oneru tal-prova u l-inverżjoni tiegħu, hemm lista antika, wiesgħa u konsistenti ta' ġurisprudenza ta' dik il-Qorti u leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jipprevedu għall-inverżjoni tal-oneru tal-prova li huwa xieraq li nittratta qabel kollox. Sussegwentement ngħaddi għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti EDB dwar l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet qabel ma neżamina l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB li tiffoka fuq l-inverżjoni tal-oneru tal-prova fil-kuntest speċifiku ta' tkeċċijiet kollettivi u refoulement.

28. Fir-rigward tal-piż li għandu jingħata lill-ġurisprudenza tal-Qorti EDB f'din il-kawża, skont l-Artikolu 52(3) tal-Karta, li huwa intiż sabiex jiżgura l-koerenza neċessarja bejn id-drittijiet li jinsabu fiha u d-drittijiet korrispondenti ggarantiti mill-KEDB mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tieħu inkunsiderazzjoni – meta tinterpreta d-drittijiet iggarantiti mill-Karta – id-drittijiet korrispondenti[43] ggarantiti mill-KEDB, kif interpretati mill-Qorti EDB[44], bħala livell minimu ta' protezzjoni.

29. L-appellant jinvoka numru ta' sentenzi tal-Qorti EDB li fihom dik il-qorti ddeċidiet dwar id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova f'azzjonijiet imressqa skont l-Artikolu 34 KEDB li jikkonċernaw ir-refoulement u/jew tkeċċija kollettiva tar-rikorrent(i)[45]. Filwaqt li l-iskop ta' dawn

[41] Dan il-kunċett huwa inkluż fil-prinċipju legali "*affirmanti incumbit probatio*".

[42] Fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni, li ċertament jista' jkollu aspetti kemm kważi-kriminali kif ukoll ċivili, ara l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 8, Vol. 2, p. 205) li jipprevedi essenzjalment li fi kwalunkwe proċeduri li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, indipendentement minn jekk humiex proċeduri nazzjonali jew tal-Unjoni, l-oneru tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 101(1) jew tal-Artikolu 102 TFUE jaqa' fuq il-parti jew l-awtorità li tallega l-ksur. Ara, madankollu, is-sentenza tal-20 ta' April 2023, Repsol Comercial de Productos Petrolíferos (C-25/21, EU:C:2023:298, punt 67) li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja qieset, fil-fatt, li f'ċerti kawżi tal-kompetizzjoni, tirriżulta preżunzjoni konfutabbli ta' ksur li sussegwentement taqleb l-oneru tal-prova fuq l-intimat. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 101 TFUE, kif implimentat mill-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/2003 u moqri flimkien mal-prinċipju ta' effettività, għandu jkun interpretat fis-sens li l-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni kkonstatat f'deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, li kien is-suġġett ta' rikors għal annullament quddiem il-qrati nazzjonali kompetenti iżda li sar definittiv wara li ġie kkonfermat minn dawn il-qrati, għandu jitqies li ġie stabbilit, kemm fil-kuntest ta' azzjoni għal nullità taħt l-Artikolu 101(2) TFUE kif ukoll fil-kuntest ta' rikors għad-danni minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE, mir-rikorrent, sakemm ma tingħatax prova kuntrarja, b'tali mod li l-oneru tal-prova kif iddefinit f'dan l-Artikolu 2 jiġi ttrasferit fuq il-konvenut. Din l-inverżjoni tal-oneru tal-prova huwa suġġett għar-rekwiżit li n-natura tal-allegat ksur li huwa s-suġġett ta' dawk l-azzjonijiet, kif ukoll l-ambitu materjali, *ratione personae, rationae temporis* u territorjali, għandhom jikkoinċidu ma' dawn tal-ksur li nstab fid-deċiżjoni inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-fatt li l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE jsir eċċessivament diffiċli li kieku ma ġiex irrikonoxxut l-iċken effett lid-deċiżjonijiet definittivi ta' awtorità tal-kompetizzjoni fl-azzjonijiet ċivili għad-danni jew fl-azzjonijiet intiżi biex tiġi stabbilita n-nullità ta' ftehimiet jew ta' deċiżjonijiet ipprojbiti bis-saħħa ta' dan l-artikolu, (*ibid*, punt 61).

[43] Fejn applikabbli.

[44] Ara għal dan il-għan, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2024, Ordre des avocats du barreau de Luxembourg (C-432/23, EU:C:2024:791, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[45] L-Artikolu 34 KEDB jipprevedi li "l-[Qorti EDB] tista' tirċievi applikazzjonijiet minn għand kwalunkwe persuna, [...] jew grupp ta' individwi li jsostnu li huma vittmi ta' ksur minn naħa ta' wieħed mill-Partijiet Għolja Kontraenti tad-drittijiet kif msemmija fil-[KEDB] jew fil-Protokolli tagħha [...]".

il-proċeduri quddiem il-Qorti EDB – intiżi, primarjament, għal dikjarazzjoni tal-eżistenza ta' ksur tal-KEDB jew tal-protokolli tagħha – jidher li huwa differenti minn dak ta' dawn il-proċeduri, intiżi għall-kumpens għad-dannu allegatament ikkawżat minn aġenzija tal-Unjoni, din id-differenza hija iktar apparenti milli reali. Ma hijiex fi kwalunkwe każ suffiċjenti sabiex tirrendi irrelevanti l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni skont l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE huwa suġġett għall-fatt li jkunu ssodisfatti numru ta' kundizzjonijiet, l-ewwel waħda fosthom teħtieġ l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali superjuri li tagħti protezzjoni lill-individwi[46]. Għalhekk hemm ċertu parallelliżmu bejn l-Artikolu 340 TFUE u l-Artikolu 34 KEDB[47]. B'mod addizzjonali, hemm koinċidenza ċara bejn id-drittijiet taħt il-KEDB u d-drittijiet taħt il-Karta invokati fil-ġurisprudenza tal-Qorti EDB inkwistjoni u f'dawn il-proċeduri[48].

### *Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

#### – *Antidiskriminazzjoni/ugwaljanza fit-trattament*

30. Fis-sentenza storika Danfoss[49], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li sabiex jiġi żgurat il-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjoni stabbilit fid-direttiva[50] jiġi applikat u li jkunu disponibbli mezzi effettivi sabiex jiġi żgurat li dan ikun osservat, din id-direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li fejn impriża tapplika sistema ta' remunerazzjoni li tkun totalment nieqsa mit-trasparenza, il-persuna li timpjega jkollha tipprova li l-prattika tagħha fil-kwistjoni ta' pagi ma tkunx diskriminatorja, jekk ħaddiema tistabbilixxi, fir-rigward ta' numru relattivament kbir ta' ħaddiema, li l-paga medja għan-nisa tkun inqas minn dik għall-irġiel[51]. L-*Onus probandi* jew l-oneru tal-prova jista' għalhekk idur meta dan ikun neċessarju sabiex jiġi evitat li, il-ħaddiema li jkunu jidhru li huma vittmi ta' diskriminazzjoni, jiġu miċħuda minn kwalunkwe mezz effettiv għall-eżekuzzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li fejn ikun hemm kawża ta' diskriminazzjoni *prima facie*, l-*onus* jew l-oneru tal-prova jdur u hija l-persuna li timpjega li trid turi li jkun hemm raġunijiet oġġettivi għad-differenza fir-remunerazzjoni[52].

46 Ara s-sentenza tal-5 ta' Marzu 2024, Kočner vs Europol (C-755/21 P, EU:C:2024:202, punt 117).

47 Skont l-Artikolu 41 KEDB "jekk il-[Qorti EDB] [i]ssib li kien hemm ksur tal-[KEDB] jew tal Protokolli tagħha, u jekk il-liġi interna tal-Parti Għolja Kontraenti kkonċernata tippermetti biss riparazzjoni parzjali, il-[Qorti EDB] għandha tagħti s-soddisfazzjon xierqa lil-parti leża jekk ikun neċessarju". Filwaqt li rikors għad-danni skont l-Artikolu 268 TFUE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE huwa rikors separat u indipendenti minn rikors għal annullament (Artikolu 263 TFUE) jew rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni (Artikolu 265 TFUE) u ma jiddependix fuq konstatazzjoni ta' ksur tal-ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tal-aħħar, il-Qorti EDB għandha tikkonstata l-ksur qabel ma tagħti kumpens ġust. Fis-sentenza A.R.E., ir-rikorrenti kien ingħata EUR 20 000 għal dannu morali, (punt 310).

48 Qabbel, l-Artikolu 3 KEDB u l-Artikolu 4 tal-Karta, l-Artikolu 13 KEDB u l-Artikolu 47 tal-Karta u l-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 4 tal-KEDB u l-Artikolu 19(1) tal-Karta.

49 Sentenza tas-17 ta' Ottubru 1989, Handels- og Kontorfunktionærernes Forbund i Danmark (109/88, iktar 'il quddiem is-"sentenza Danfoss", EU:C:1989:383, punti 14 sa 16)

50 Ara d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE tal-10 ta' Frar 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 5, Vol. 1, p. 179) li kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti.

51 Ara wkoll, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2001, Brunnhofer (C-381/99, iktar 'il quddiem is-"sentenza Brunnhofer", EU:C:2001:358, punti 52 sa 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 1993, Enderby (C-127/92, iktar 'il quddiem is-"sentenza Enderby", EU:C:1993:859, punti 14 u 18). Is-sentenzi Danfoss, Enderby u Brunnhofer għalhekk jistrieħu ħafna fuq il-prinċipju ta' effettività sabiex jiġġustifikaw id-devjazzjoni tagħhom mir-regoli normali dwar l-oneru tal-prova.

31. F'kawżi antidiskriminatorji, inverżjoni fl-oneru tal-prova għalhekk jiddependi fuq jekk ir-rikorrent jistabbilixxix kawża *prima facie* ta' diskriminazzjoni. Fejn tali kawża *prima facie* tiġi stabbilita, jaqa' fuq il-persuna li timpjega intimata sabiex tistabbilixxi li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ma nkisirx jew li jipprovdi ġustifikazzjoni oġġettiva għat-trattament differenti. Fis-sentenza tagħha Brunnhofer, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-oneru tal-prova ma jdurx fejn ħaddiem ma jkunx iltaqa' ma' diffikultajiet prattiċi fil-produzzjoni tal-provi u li għalhekk japplikaw ir-regoli normali tal-oneru tal-prova [53].

32. Il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-oneru tal-prova f'kawżi antidiskriminatorji bħal, *inter alia*, is-sentenzi Danfoss, Enderby u Brunnhofer kienu kkonsolidati u msaħħa mil-leġiżlatur tal-Unjoni fl-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2006/54/KE [54], l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2004/113/KE [55], l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2000/78/KE [56] u l-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2000/43/KE [57] li jiddikjaraw li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu dawn il-miżuri skond kif ikun meħtieġ, skond is-sistema ġudizzjarja nazzjonali tagħhom, sabiex jiżguraw illi, fejn persuni li jikkunsidraw lilhom infushom inġurjati għaliex ma jkunx ġie applikat għalihom il-prinċipju tat-trattament ugwali jistabbilixxu, quddiem qorti jew awtorità kompetenti oħra, fatti li minnhom jista jiġi preżunt illi kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, għandu jkun ir-respondent li jrid jipprova li ma kien hemm l-ebda ksur tal-prinċipju tat-trattament ugwali".

33. Isegwi minn dan li jekk kawża ta' diskriminazzjoni *prima facie* tiġi stabbilita u l-intimat ma jkunx jista' jirribatti [58] l-fatt li kien hemm diskriminazzjoni diretta jew indiretta, sussegwentement hemm obbligu fuq il-ġudikatura nazzjonali sabiex tikkonstata diskriminazzjoni. F'dan ir-rigward, il-ġudikatura nazzjonali ma għandha l-ebda diskrezzjoni.

34. L-Avukata Ġenerali Kokott iddikjarat li r-regoli dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova fid-direttivi antidiskriminatorji kollha ma jippreġudikawx id-dritt għal smigħ xieraq, għad-detriment tal-intimat. Minflok, il-leġiżlatur tal-Unjoni għażel soluzzjoni li tikseb bilanċ ġust bejn l-interessi ta' dak li qiegħed jallega li huwa l-vittma ta' diskriminazzjoni u l-interessi tal-parti l-oħra fil-proċeduri. B'mod partikolari, dawn ir-regoli ma jinjorawx kompletament l-oneru tal-prova li għandha l-vittma preżunta, iżda sempliċement jemendawh [59].

– *Eżempji oħrajn*

35. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova ma hijiex limitata għal kawżi antidiskriminatorji. Fis-sentenza Harman International Industries [60], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li operatur ekonomiku li jinvoka eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trade mark, bħala prinċipju, għandu l-oneru li jipprova li l-kundizzjonijiet applikabbli jkunu

53 Ara s-sentenza Brunnhofer, punti 56 sa 58.

54 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

55 Direttiva tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi (ĠU 2006, L 153M, p. 294).

56 Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 5, Vol. 4, p. 79).

57 Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 20, Vol. 1, p. 23).

58 Kawża ta' diskriminazzjoni *prima facie* tista' tiġi kkonfutata b'ammont ta' provi konsistenti. (ara s-sentenza tal-25 ta' April 2013, Asociația Accept, C-81/12, EU:C:2013:275, punt 58).

59 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Kokott f'Belov (C-394/11, EU:C:2012:585, punt 92).

60 Sentenza tas-17 ta' Novembru 2022 (C-175/21, EU:C:2022:895, punti 50 u 72).

ssodisfatti. Madankollu, dan l-oneru jkollu jiġi invertit jekk altrimenti jippermetti lill-proprjetarju tat-trade mark li jikkompartimentalizza s-swieq nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja straħet *inter alia* fuq in-nuqqas ta' simetrija tal-informazzjoni bejn ir-rikorrent (operatur ekonomiku) u l-intimat (is-sid tat-trade mark) u l-fatt li r-rikorrent ma kellux aċċess għad-databases tal-intimat fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tiegħu fiż-Żona Ekonomika Ewropea.

36. Barra minn dan, fis-sentenza tagħha Beemsterboer Coldstore Services[61], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont ir-regoli ġeneralment aċċettati dwar l-allokazzjoni tal-oneru tal-prova, hija r-responsabbiltà tal-awtoritajiet doganali li jixtiequ li jwettqu rkupru *a posteriori* ta' dazju doganali sabiex jipproduċu, insostenn tat-talba tagħhom, prova li l-ħruġ ta' ċertifikati żbaljati kien minħabba rakkont mhux eżatt tal-fatti pprovduti mill-esportatur. Madankollu, fejn huwa impossibbli għall-awtoritajiet doganali sabiex jistabbilixxu jekk l-informazzjoni pprovduta għall-ħruġ ta' ċertifikat kinitx korretta, minħabba li l-esportatur ma kienx żamm pussess tad-dokumenti ta' sostenn, minkejja obbligu li jagħmel dan, l-*onus* huwa fuq il-persuna responsabbli għad-dazju sabiex tipprova li dawn iċ-ċertifikati kienu bbażati fuq rakkont eżatt tal-fatti.

37. Il-leġiżlatur tal-Unjoni emenda jew illaxka r-regoli standard dwar l-oneru tal-prova billi ħoloq preżunzjonijiet favur ċerti rikorrenti, pereżempju, fir-rigward ta' kuntratti ta' konsumatur u n-nuqqas ta' konformità mal-kunsinna tal-oġġetti[62]. B'mod addizzjonali, tnaqqas sa ċertu punt l-oneru fuq l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali sabiex jipproduċu provi quddiem l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-qrati. Filwaqt li skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/95/UE[63] l-Istati Membri jistgħu jikkunsidrawh li huwa l-applikant li għandu jissottometti kemm jista' jkun malajr l-elementi kollha meħtieġa sabiex tiġi ssostanzjata l-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom, jekk ikun il-każ, jikkooperaw b'mod attiv mal-applikant sabiex jiddeterminaw u jikkompletaw l-elementi rilevanti kollha tal-applikazzjoni. Barra minn dan, jekk l-Istati Membri jagħmlu użu mis-setgħa mogħtija lilhom mill-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/95, l-Artikolu 4(5) tagħha jipprevedi li, fejn aspetti tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant ma humiex sostnuti bi provi dokumentali jew provi oħrajn, dawn l-aspetti ma għandhomx bżonn konferma jekk il-ħames kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjoni tal-aħħar ikunu ssodisfatti[64]. L-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2011/95 ipoġġi enfasi partikolari fuq il-koerenza u l-plawsibbiltà

[61] Sentenza tad-9 ta' Marzu 2006 (C-293/04, EU:C:2006:162, punti 37 sa 46).

[62] Ara l-Artikolu 11(1) tad-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jikkonċernaw kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU 2019, L 136, p. 28, rettifika fil-ĠU 2019, L 305, p. 61 u fil-ĠU 2020, L 86, p. 18) li jipprevedi li "[l]walunkwe nuqqas ta' konformità li jimmanifesta ruħu fi żmien sena mill-mument li fih ikunu ġew konsenjati l-oġġetti għandu jkun preżunt li kien jeżisti fil-mument tal-konsenja, sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor jew din il-preżunzjoni tkun inkompatibbli man-natura tal-oġġetti jew man-natura tan-nuqqas ta' konformità […]" Ara wkoll, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2015, Faber (C-497/13, EU:C:2015:357, punti 52 sa 54, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li "it-tħaffif tal-oneru tal-prova favur il-konsumatur huwa bbażat fuq il-konstatazzjoni li, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità jidher biss sussegwentement għad-data tal-kunsinna tal-oġġett, il-prova li dan in-nuqqas kien jeżisti f'din id-data jista' joħloq 'ostaklu insormontabbli għall-konsumatur', filwaqt li ġeneralment huwa ferm iktar faċli għal bejjiegħ li jipprova li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx jeżisti fil-mument tal-kunsinna u li jirriżulta, pereżempju, minn użu ħażin mill-konsumatur".

[63] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

[64] Ara s-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2024, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Nisa li jidentifikaw ruħhom mal-valur tal-ugwaljanza bejn is-sessi) (C-646/21, EU:C:2024:487, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata). Il-Qorti EDB għamlet ukoll riferiment għall-"obbligu konġunt tal-persuna li qiegħda tfittex l-ażil u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni sabiex jaċċertaw u jevalwaw il-fatti rilevanti kollha tal-kawża fil-proċeduri tal-ażil" (traduzzjoni mhux uffiċjali), (sentenza J.K. *et* vs L-Isvezja, punt 96).

tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant u l-kredibbiltà ġenerali tiegħu[65]. Il-fatt li xi dettalji tar-rakkont tal-applikant jistgħu jidhru li ma humiex plawsibbli b'xi mod, ma jnaqqasx neċessarjament mill-kredibbiltà ġenerali globali tat-talba tiegħu[66].

– *Il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet*

38. Il-prinċipju ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, li huwa parti integrali tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet li l-individwi jisiltu mid-dritt tal-Unjoni, sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta, jista' wkoll jinfluwenza d-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova. Dan il-prinċipju, flimkien, *inter alia*, mal-prinċipju *audi alteram partem*, huwa konsegwenza tal-kunċett ta' smigħ xieraq u jimplika obbligu li kull parti tingħata opportunità raġonevoli sabiex tippreżenta l-każ tagħha f'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantaġġ sostanzjali meta mqabbla mal-avversarju tagħha. L-iskop ta' dan il-prinċipju huwa li jiġi żgurat bilanċ proċedurali bejn il-partijiet f'kawża, li jiggarantixxi l-ugwaljanza tad-drittijiet u tal-obbligi ta' dawn il-partijiet fir-rigward, *inter alia*, tar-regoli li jirregolaw il-ġbir tal-provi u s-smigħ avversarju quddiem il-qorti u dawk id-drittijiet ukoll tal-partijiet li jippreżentaw rikors[67].

39. F'ċerti okkażjonijiet, madankollu, l-evalwazzjoni tal-Qorti EDB dwar jekk id-dritt għal smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 KEDB inkisirx kienet iffokata fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrent kellux opportunità (effettiva) sabiex jipproduċi provi quddiem il-qrati nazzjonali iktar milli fuq xi allegat trattament mhux ugwali tal-partijiet fil-proċedura quddiem dawn il-qrati. Dan jista' jimplika li, f'ċerti ċirkustanzi, ugwaljanza fit-trattament (*stricto sensu*) quddiem il-qrati nazzjonali ma hijiex suffiċjenti sabiex tiżgura (*de facto*) opportunitajiet ugwali tal-partijiet u li ġie rrispettat id-dritt għal smigħ xieraq[68].

65 Ara wkoll, is-sentenza J.K. *et* vs L-Isvezja, punti 91 sa 96 li fiha l-Qorti EDB enfasizzat li dan l-oneru tal-prova ma għandux jirrendi d-drittijiet tar-rikorrenti ineffettivi taħt l-Artikolu 3 KEDB li ma jkunux suġġetti għat-tortura jew trattament jew piena inumana jew degradanti u li huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet kollha li persuna li qiegħda tfittex l-ażil tista' tiltaqa' magħhom barra minn pajjiżha meta tiġbor il-provi. Fl-opinjoni konkordanti, punt 4, l-Imħallef O'Leary stqarret li d-dikjarazzjoni mill-Qorti EDB fil-punt 97 ta' dik is-sentenza li, *inter alia*, l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 2011/95 jirrikonoxxi "li l-benefiċċju tad-dubju għandu jingħata lill-individwu li qiegħed jitlob il-protezzjoni internazzjonali" għandha tiġi kkwalifikata billi jiġu applikati l-ħames kundizzjonijiet li jinsabu f'dik id-dispożizzjoni.

66 *Ibid*, punt 93.

67 Sentenza tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punti 61 u 62 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, Qorti EDB, 27 ta' Ottubru 1993, Dombo Beheer B.V. vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, (CE:ECHR:1993:1027JUD001444888, punti 31 sa 33) li tikkonċerna d-dritt taż-żewġ partijiet f'azzjoni ċivili sabiex jipproduċu provi simili (prova ta' xhud) fuq livell ugwali. F'dan ir-rigward, ara wkoll, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2020, Silver Plastics u Johannes Reifenhäuser vs Il-Kummissjoni (C-702/19 P, EU:C:2020:857, punt 59).

68 Ara Qorti EDB, 18 ta' Ġunju 2002, Wierzbicki vs Il-Polonja, (CE:ECHR:2002:0618JUD002454194, punt 39). Ara wkoll, b'analoġija, Qorti EDB, 31 ta' Mejju 2016, Tence vs Is-Slovenja (CE:ECHR:2016:0531JUD003724214) li fiha l-Qorti EDB kkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) KEDB. L-Avukat ta' M. Tence appellat minn sentenza tal-ewwel istanza billi bagħtet faks ta' sitt paġni fl-aħħar ġurnata tal-limitu ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-appell. L-appell kien trażmess b'suċċess lill-magna tal-faks tal-qorti tal-appell u baqa' fil-memorja tal-faks iżda ma ġiex stampat. B'żieda ma' dan, intbagħat ukoll lill-qorti rilevanti l-ġurnata sussegwenti permezz ta' posta rreġistrata. L-appell ġie miċħud bħala tardiv. Il-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema, is-Slovenja) iktar tard ikkonfermat li kwalunkwe difett fit-trażmissjoni ta' dokument mibgħut bil-faks, anki jekk attribwibbli lill-qorti, kellha ssofrih il-parti li qiegħda tibgħat dan id-dokument. Fl-azzjoni tagħha quddiem il-Qorti EDB, M. Tence allegat li interpretazzjoni stretta wisq tar-regoli proċedurali domestiċi kisret id-dritt tagħha ta' aċċess għall-qorti taħt l-Artikolu 6 KEDB. Il-Qorti EDB qablet. Ma kienx ikkontestat li M. Tence kienet bagħtet dokument ikkriptat ta' sitt paġni lill-qorti rilevanti fil-limitu ta' żmien u li ma kellha l-ebda influwenza fuq l-istampar tiegħu jew fuq it-tħaddim tajjeb tal-magna tal-faks. Il-Gvern intimat, billi straħ fuq ir-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-azzjoni ta' M. Tence quddiem il-qrati domestiċi, sostna madankollu li hija ma setgħetx tipprova li dan id-dokument mibgħut bil-faks kien l-appell inkwistjoni. Il-Qorti EDB ikkunsidrat li fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ u l-fatt li l-faks ikunu kkriptati u l-kontenut tagħhom ma jkunx jista' jiġi pprovat, l-approċċ tal-qrati domestiċi li jpoġġu l-oneru tal-prova kollu fuq ir-rikorrent kien riġidu żżejjed. Dan l-approċċ għamilha prattikament impossibbli għar-rikorrenti sabiex tirbaħ l-appell tagħha u poġġa piż sproporzjonat fuqha. Fl-opinjoni konkordanti tiegħu, l-Imħallef Kūris qies li t-tqegħid tal-oneru tal-prova fuq M. Tence ma kienx biss "riġidu żżejjed" (traduzzjoni mhux uffiċjali) iżda wkoll bla bażi fid-dritt u inġust.

*Ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti EDB dwar refoulement u tkeċċijiet kollettivi*

40. L-appellant, li invoka numru ta' sentenzi tal-Qorti EDB, jikkunsidra li minħabba li huwa pproduċa prova *prima facie* insostenn tal-verżjoni tiegħu tal-avvenimenti tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-oneru tal-prova f'din il-kawża għandu jdur fuq Frontex[69].

41. Is-sentenza reċenti A.R.E. tal-Qorti EDB[70] hija partikolarment istruttiva fuq l-approċċ adottat minn dik il-qorti fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' provi u l-istabbiliment tal-fatti fil-kawżi analogi għal dan l-appell[71]. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu stabbiliti fid-dettall il-fatti tal-kawża u r-raġunament tal-Qorti EDB.

42. A.R.E. sostniet li hija daħlet fil-Greċja fl-4 ta' Mejju 2019 sabiex tapplika għal protezzjoni internazzjonali u li kienet arrestata u miżmuma hemm qabel ma ġiet irritornata lejn it-Turkija fejn kienet arrestata l-ġurnata sussegwenti. Hija ddikjarat ksur tal-Artikoli 2, 3, 5 u tal-Artikolu 13 KEDB. Il-Gvern Grieg ċaħad totalment il-verżjoni tal-fatti tagħha bħala vaga, inkonsistenti u bla bażi[72]. B'mod partikolari, il-Gvern Grieg ċaħad kwalunkwe involviment tal-awtoritajiet Griegi fl-allegat refoulement u kkontesta l-preżenza stess tar-rikorrenti fuq it-territorju Grieg u, għalhekk, ir-refoulement tagħha lejn it-Turkija, fl-allegati dati[73].

43. Il-Qorti EDB osservat li l-kawża qajmet kwistjonijiet estremament delikati fuq, *inter alia*, l-oneru tal-prova[74]. Hija kkonkludiet li għandhom jiġu applikati l-prinċipji u l-istandards dwar l-evalwazzjoni tal-provi u l-istabbiliment tal-fatti stabbiliti fil-kawżi li jirrigwardaw detenzjoni sigrieta u f'ċerti każijiet ta' allegat refoulement.

[69] Ara l-punti 18 u 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[70] Li l-partijiet fl-appell iddiskutew fis-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Frar 2025.

[71] Ara wkoll id-deċiżjoni tas-Qorti EDB, 7 ta' Jannar 2025, G.R.J. vs Il-Greċja, (CE:ECHR:2024:1203DEC001506721) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni G.R.J.").

[72] Hemm numru ta' similitudnijiet bejn il-fatti u l-forma ta' prova invokata mill-appellant f'din il-kawża u dawk invokati minn A.R.E. fil-kawża tagħha quddiem il-Qorti EDB. Ara r-rakkont tagħha tal-fatti fis-sentenza A.R.E, punti 11 sa 48.

[73] Il-Qorti EDB enfasizzat li kien hemm diverġenza fil-fatti bejn il-kawża li tat bidu għas-sentenza A.R.E u dawk ta' kawżi oħrajn quddiem dik il-qorti dwar refoulement jew tkeċċijiet kollettivi li fihom prova *prima facie* mir-rikorrenti kienet aċċettata. Il-Qorti EDB għalhekk l-ewwel għamlet riferiment għal dawk il-kawżi fejn il-gvernijiet intimati ma kkontestawx il-preżenza tar-rikorrenti fuq it-territorju tagħhom jew fil-fruntieri tagħhom, iżda biss it-talba tagħhom li huma kienu espremew li jixtiequ jippreżentaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. Ara s-sentenza A.R.E, punti 204 u 205. Ara wkoll id-Deċiżjoni G.R.J. punti 169 u 170. Ara, pereżempju, il-Qorti EDB, 8 ta' Ottubru 2024, M.A. u Z.R. vs Ċipru, (CE:ECHR:2024:1008JUD003909020, punti 81 u 82). F'dik il-kawża, il-Qorti EDB irrepetiet li bħala prinċipju ġenerali tal-liġi l-oneru tal-prova tal-bidu fir-rigward ta' allegazzjoni jaqa' fuq il-parti li jkun qiegħed jagħmilha. F'ċerti okkażjonijiet, madankollu, il-gvern intimat biss ikollu aċċess għal informazzjoni li tkun kapaċi li tikkorrobora jew tikkonfuta l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti: konsegwentement, applikazzjoni rigoruża tal-prinċipju deskritt iktar 'il fuq hija impossibbli. Jekk dak ikun il-każ u l-gvern intimat jonqos milli jipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti u konvinċenti fir-rigward tal-avvenimenti li jkunu kompletament jew fil-parti l-kbira tagħhom fl-għarfien esklużiv tal-awtoritajiet tal-Istat, il-Qorti EDB tkun tista' tislet konklużjonijiet li jistgħu ma jkunux favorevoli għaliha sakemm ikun hemm elementi li jsostnu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti. It-tieni, fis-sentenza A.R.E., il-Qorti EDB għamlet riferiment għal dawk il-kawżi li fihom ir-rikorrenti lmentaw ksur tal-Artikolu 4 ta' Protokoll Nru 4 tal-KEDB u l-intimati gvernijiet ikkontestaw bla suċċess il-preżenza biss tar-rikorrenti fost il-gruppi, li kienu suġġetti għal tkeċċija kollettiva iktar milli t-tkeċċija kollettiva bħala tali. Ara s-sentenza A.R.E, punti 206 u 207. Ara wkoll id-Deċiżjoni G.R.J., punti 171 u 172. Fis-sentenza N.D. u N.T. vs Spanja, punti 81 sa 88, il-Gvern Spanjol irrikonoxxa l-eżistenza ta' prattika sistematika ta' tkeċċijiet kollettivi sommarji fil-fruntiera tiegħu Melilla (Spanja). Dan il-gvern ikkontesta, madankollu, il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fl-avvenimenti inkwistjoni. Il-Qorti EDB qieset li r-rikorrenti kienu pproduċew prova *prima facie* ta' dik il-parteċipazzjoni u assumiet il-verità tar-rakkont tal-fatti ppreżentat mir-rikorrenti. Il-Qorti EDB straħet mhux biss fuq il-konsistenza tal-provi prodotti mir-rikorrenti, iżda wkoll fuq il-fatt li l-intimati gvernijiet ma kkontestawx l-eżistenza tat-tkeċċijiet inkwistjoni. Dik il-qorti enfasizzat ukoll li "l-assenza ta' identifikazzjoni u trattament ippersonalizzat mill-awtoritajiet tal-Istat intimat f'din il-kawża, li kkontribwixxiet għad-diffikultà esperjenzata mir-rikorrenti fil-produzzjoni tal-prova tal-involviment tagħhom fl-avvenimenti inkwistjoni, hija fil-qalba stess tal-ilment tar-rikorrenti. Għaldaqstant, il-Qorti EDBser tfittex li tikkonstata jekk ir-rikorrenti pproduċewx prova *prima facie* insostenn tal-verżjoni tagħhom tal-avvenimenti. Jekk dan ikun il-każ, l-oneru tal-prova għandu jdur fuq il-Gvern" (traduzzjoni mhux uffiċjali).

[74] Ara s-sentenza A.R.E., punt 204 u d-Deċiżjoni G.R.J., punt 169. It-test tas-sentenza A.R.E., punti 204 sa 221 u 226 sa 229 jikkorrispondi għal dak tad-Deċiżjoni G.R.J., punti 169 sa 186 u 187 sa 190.

44. Skont il-Qorti EDB, f'kawżi ta' detenzjoni sigrieta hija r-rikorrenti li għandha tipproduċi prova *prima facie*. Madankollu jekk il-gvern intimat, fir-risposta tiegħu għall-allegazzjonijiet, ma jiżvelax dokumenti essenzjali sabiex jippermetti lill-Qorti EDB tistabbilixxi l-fatti jew ma jipprovdix spjegazzjoni sodisfaċenti u konvinċenti dwar l-avvenimenti inkwistjoni, dik il-qorti tista' tislet konklużjonijiet b'saħħithom minnhom. Skont il-Qorti EDB, l-applikazzjoni stretta ta' *affirmanti cumbit probatio* ma hijiex xierqa fejn l-avvenimenti inkwistjoni jkunu magħrufa mal-awtoritajiet esklużivament. F'tali kawżi, l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-awtoritajiet, li għandhom jipprovdu spjegazzjoni sodisfaċenti u konvinċenti. Fl-assenza ta' tali spjegazzjoni, il-Qorti EDB hija intitolata li tislet konklużjonijiet li jistgħu ma jkunux favorevoli għall-gvern intimat. F'kawżi fejn hemm verżjonijiet diverġenti tal-fatti, il-Qorti EDB tislet il-konklużjonijiet li, fil-fehma tagħha, ikunu sostnuti minn evalwazzjoni mhux konfutabbli tal-provi kollha, inkluż l-konklużjonijiet li tista' tislet mill-fatti u mill-osservazzjonijiet tal-partijiet[75].

45. F'kawżi ta' tkeċċija jew refoulement, il-Qorti EDB ddikjarat li minħabba li l-assenza ta' identifikazzjoni u trattament ippersonalizzat mill-awtoritajiet tal-Istat intimat, li kkontribwixxiet għad-diffikultà esperjenzata mir-rikorrenti fil-produzzjoni tal-provi tal-involviment tagħhom fl-avvenimenti inkwistjoni, hija fil-qalba stess tal-ilment tar-rikorrenti, fejn tal-aħħar tipprovdi rakkont iddettaljat, speċifiku u konsistenti tal-avvenimenti inkwistjoni, il-Qorti EDB tikkunsidra, bħala prinċipju, li hemm prova *prima facie* ta' refoulement u li l-oneru tal-prova għandu jdur u jaqa' fuq il-gvern[76].

46. Fis-sentenza A.R.E., il-Qorti EDB ikkunsidrat li r-rikorrenti kienet ipproduċiet diversi oġġetti ta' prova kapaċi li jikkostitwixxu, meħudin separatament, prova *prima facie* favur il-verżjoni tagħha tal-fatti, u kien f'idejn l-awtoritajiet Griegi li kellhom jipprovaw li r-rikorrenti ma kinitx daħlet fil-Greċja u li ma kinitx ġiet soġġetta għal refoulement lejn it-Turkija fl-allegati dati. Madankollu, il-Gvern ma ressaqx l-ebda argument jew prova oħra kapaċi li jirribattu l-prova *prima facie* prodotta mir-rikorrenti. Il-Qorti EDB enfasizzat li hija ma kellha l-ebda prova diretta tar-refoulement tar-rikorrenti bħala tali. Hija osservat, madankollu, li tali prova, fiċ-ċirkustanzi partikolari ta' dak il-każ, kienet tkun impossibbli li tiġi prodotta, minħabba l-fatt li l-mobile tagħha kien ġie kkonfiskat mill-awtoritajiet Griegi fiż-żmien tar-refoulement tagħha[77], li barra minn hekk, saret bil-lejl. Dik il-qorti tat importanza partikolari lill-fatt li kien intwera b'mod suffiċjenti li r-rikorrenti kienet preżenti fil-Greċja u kienet intlemħet l-aħħar fil-kustodja tal-uffiċjali Griegi fl-4 ta' Mejju 2019, qabel ma rritornat lejn it-Turkija fil-5 ta' Mejju 2019, fejn hija ġiet arrestata[78].

47. Filwaqt li mhux strettament rilevanti fil-kuntest tal-portata limitata ta' dawn il-konklużjonijiet dwar l-oneru tal-prova u l-inverżjoni tiegħu, huwa opportun li tiġi deskritta fil-qosor in-natura ta' ftit mill-provi li l-Qorti EDB kkunsidrat rilevanti fil-kawżi ta' tkeċċija kollettiva jew refoulement sabiex tistabbilixxi kawża *prima facie*[79].

75 Il-livell ta' konvinzjoni meħtieġ sabiex tintlaħaq konklużjoni partikolari u l-allokazzjoni tal-oneru tal-prova huma intrinsikament marbuta man-natura speċifika tal-fatti, man-natura tal-allegazzjoni magħmula u mad-dritt tal-KEDB inkwistjoni. Il-Qorti EDB hija libera li tevalwa s-saħħa probatorja ta' kull biċċa prova fil-proċess, (ara s-sentenza A.R.E, punt 212).

76 *Ibid*, punt 214. Ara wkoll, is-sentenza N.D. u N.T. vs Spanja, punti 85 u 86, is-sentenza M.H. *et* vs Il-Kroazja, punt 268.

77 Il-Qorti EDB kienet ikkonstatat preċedentement it-talba tar-rikorrenti li l-mobile tagħha kien ġie kkonfiskat u meqrud mill-awtoritajiet Griegi kredibbli fid-dawl tal-informazzjoni li tinstab f'diversi rapporti minn istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali (sentenza A.R.E, punt 253).

78 Il-Qorti EDB kkonstatat li kien hemm ksur tal-Artikolu 3 KEDBu tal-Artikolu 13 KEDB, flimkien mal-Artikolu 3 KEDB minħabba r-refoulement tar-rikorrenti lejn it-Turkija, li kien hemm ksur tal-Artikolu 5 (1), (2) u (4) KEDB minħabba d-detenzjoni tar-rikorrenti qabel ir-refoulement tagħha lejn it-Turkija u li kien hemm ksur tal-Artikolu 13 KEDB, flimkien mal-Artikoli 2 u 3 KEDB minħabba r-riskju għall-ħajja u trattament ħażin fiż-żmien ta' refoulement.

79 Din il-kwistjoni kienet ukoll diskussa mill-partijiet fis-seduta tal-4 ta' Frar 2025.

48. F'dan ir-rigward, il-Qorti EDB tieħu inkunsiderazzjoni x-xhieda miġbura minn istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem nazzjonali u internazzjonali li jikkorroboraw rakkont tar-rikorrent u r-rapporti ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, strutturi ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem nazzjonali u organizzazzjonijiet internazzjonali sabiex tistabbilixxi li kien hemm prova *prima facie* favur il-verżjoni ta' avvenimenti ppreżentata mir-rikorrent. Madankollu, rikorrent li jsostni li huwa vittma ta' refoulement jista', bħala prinċipju, jissodisfa l-oneru tal-prova mingħajr ma jkollu jsostni li r-refoulement tiegħu tkun parti minn prattika sistematika jew iġġeneralizzata ta' refoulement jew mingħajr ma jkollu jipproduċi prova tal-eżistenza ta' tali prattika.

49. Fejn prova ta' tali prattika sistematika tiġi prodotta, evalwazzjoni mill-Qorti EDB tal-eżistenza jew le ta' tali prattika ser tassistiha sabiex tieħu inkunsiderazzjoni, fejn ikun xieraq, tal-kuntest ġenerali rilevanti li jipprevalixxi fiż-żmien materjali. Il-Qorti EDB għalhekk teżamina l-kwistjoni dwar jekk ikunx hemm prattika sistematika ta' refoulement fiż-żmien u l-post rilevanti qabel ma tevalwa l-provi prodotti mir-rikorrent[80].

50. Anki jekk tiġi stabbilita prattika sistematika ta' refoulement, ir-rikorrent għandu madankollu jipproduċi prova *prima facie* insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu[81]. F'tali kawża, ir-rikorrent għandu jistabbilixxi li l-allegata refoulement tiegħu tkun marbuta ma' din il-prattika billi jipprovdi rakkont iddettaljat, speċifiku u konsistenti tar-refoulement flimkien ma' provi ddettaljati u konsistenti. F'dak il-każ, l-oneru tal-prova tinqaleb u taqa' fuq il-gvern intimat. F'dan ir-rigward, il-Qorti EDB enfasizzat li għandha tingħata importanza partikolari lid-dokumenti fil-proċess[82]. Il-kwistjoni tal-awtentiċità u s-saħħa probatorja ta' materjal awdjoviżiv tista' tirriżulta li tkun kruċjali, b'mod partikolari fejn l-ebda prova oħra ma teżisti, diretta jew indiretta, insostenn tar-rakkont tal-persuna kkonċernata[83]. Il-Qorti EDB tista' tieħu inkunsiderazzjoni wkoll kwalunkwe prova oħra invokata mir-rikorrenti jew li tqiegħdet fil-proċess, bħax-xhieda ta' persuni oħrajn.

80 Fis-sentenza A.R.E., il-Qorti EDB ikkonkludiet li fiż-żmien tal-fatti allegati, kien hemm prattika sistematika mill-awtoritajiet Griegi li jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiż terz mir-reġjun Evros lejn it-Turkija. Il-Gvern Grieg ma rnexxielux jirribatti l-provi li jissuġġerixxu l-eżistenza ta' tali prattika billi jipprovdi spjegazzjoni alternattiva sodisfaċenti u konvinċenti (punt 228).

81 Il-Qorti EDB iddeċidiet li r-rakkont iddettaljat, speċifiku u konsistenti ta' A.R.E kkorrisponda fil-parti l-kbira tiegħu mal-*modus operandi* inkluż fir-rapporti tal-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali kompetenti dwar refoulement mir-reġjun ta' Evros lejn it-Turkija. Dan il-fatt madankollu, ma kienx suffiċjenti sabiex tipprova r-refoulement tagħha. B'mod addizzjonali, ir-rikorrenti kellha turi li hija kienet daħlet il-Greċja u kienet sabet lilha nnifisha fit-Turkija fl-allegati dati u kellha tistabbilixxi rabta bejn dawn iż-żewġ fatti sabiex tistabbilixxi li l-allegat refoulement kien ġenwin. Il-Qorti EDB enfasizzat li hija tapprezza l-fatt li huwa estremament diffiċli li tiġi prodotta prova minħabba n-natura impliċitament sigrieta u mhux uffiċjali tal-aġir inkwistjoni (sentenza A.R.E, punt 230). Ara madankollu, id-Deċiżjoni G.R.J., punti 187 sa 225, li fiha minkejja l-eżistenza ta' *modus operandi* pjuttost uniformi ta' refoulement ta' ċittadini barranin li qegħdin ifittxu l-ażil mingħand l-awtoritajiet Griegi mir-reġjun Evros u l-gżejjer Griegi fiż-żmien rilevanti u l-fatt li r-rakkont tar-rikorrent ikkorrisponda fil-parti l-kbira tiegħu ma' dan il-*modus operandi*, il-Qorti EDB kellha dubji kbar dwar il-kredibbiltà tar-rakkont tiegħu fid-dawl ta' ċerti provi prodotti minnu li jikkorroborawh. Il-Qorti EDB ikkunsidrat li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent kienu xi drabi kontradittorji u inkonsistenti. Dik il-qorti għalhekk iddeċidiet li r-rikorrent ma pproduċiex prova *prima facie* tal-preżenza tiegħu fil-Greċja u r-refoulement lejn it-Turkija mill-gżira ta' Samos fl-allegati dati, u li huwa ma setax għalhekk isostni li kien vittma fis-sens tal-Artikolu 34 KEDB (Deċiżjoni G.R.J., punti 199 sa 225).

82 Il-Qorti EDB iddeċidiet li provi dokumentali prodotti minn Stat Membru ieħor tal-Kunsill tal-Ewropa – f'dak il-każ, tat-Turkija – li jiddettaljaw il-ħarba ta' A.R.E. lejn il-Greċja fl-4 ta' Mejju 2019 u refoulement lejn it-Turkija fil-5 ta' Mejju 2019 ikkostitwixxew prova *prima facie* li ssostni l-verżjoni tagħha tal-avvenimenti, li l-Gvern Grieg ma rnexxielux jirribatti (sentenza A.R.E., punti 219 u 241). Il-Qorti EDB tat importanza kbira lid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali ta' Izmir fis-6 ta' Mejju 2019 li ddettaljat ir-refoulement ta' A.R.E. fl-istabbiliment tal-fatti f'din il-kawża (*ibid*, punt 235).

83 Filwaqt li l-awtentiċità ta' din il-forma ta' prova prodotta kienet ikkontestata mill-Gvern Grieg, il-Qorti EDB iddeċidiet li kkorrispondiet mar-rakkont globali tar-rikorrenti. *Ibid*, punt 250. Il-Qorti EDB ħadet inkunsiderazzjoni wkoll il-prova tax-xhieda li kkonverġiet fuq punti kruċjali u kienet sostnuta mill-materjal awdjoviżiv prodott u għalhekk ikkorrobora r-rakkont tar-rikorrenti (*ibid*, punt 264).

*Applikazzjoni tal-esperjenza miksuba mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti EDB u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-kuntest ta' din il-kawża*

51. Il-kwistjoni kkonċernata fil-kawżi bħal dan l-appell hija partikolarment severa. Hija tikkonċerna l-oneru fuq ir-rikorrent li jistabbilixxi l-fatti u jipproduċi provi li jistgħu jkunu fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-intimat waħdu (f'dan il-każ Frontex) u/jew terzi oħrajn (f'dan il-każ l-awtoritajiet Griegi). Prova konkreta ta' tkeċċijiet kollettivi, jekk wara kollox teżisti, tista' għalhekk tkun f'idejn l-allegati awturi iktar milli f'idejn il-vittmi tagħhom.

52. Nuqqas milli jiġi adattat jew illaxkat l-oneru tal-prova jista' jostakola virtwalment il-proċeduri ġudizzjarji kollha mill-vittmi ta' tali tkeċċijiet u sussegwentement jipperikola sistematikament id-drittijiet protetti, *inter alia*, mill-Artikoli 18 u 19 tal-Karta [84]. Azzjoni illegali tista' (*de facto*) ma tkunx ikkontestata u l-awturi tagħha jistgħu għalhekk jaġixxu b'impunità. Dan konsegwentement jista' jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrent skont l-Artikolu 47 tal-Karta. Fid-dawl tas-sentenza A.R.E., jiena nqis li, malli rikorrent ikun stabbilixxa prova *prima facie* tat-tkeċċija kollettiva tiegħu jew refoulement mill-Istat intimat, il-Qorti EDB iddawwar l-oneru tal-prova għal fuq l-Istat intimat. F'din il-kawża, madankollu, l-intimat ma huwiex Stat Membru iżda aġenzija tal-Unjoni. Il-kwistjoni għalhekk tqum dwar jekk, u jekk fl-affermattiv, sa liema punt il-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova f'kawżi ta' tkeċċija kollettiva tista' tiġi applikata b'analoġija f'dan il-kuntest.

53. Fl-istess ħin u ta' importanza ugwali, meta tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova, is-sitwazzjoni tal-intimat ma tistax tiġi injorata u *probatio diabolica* ma tistax tiġi imposta fuqhom. Fi tfittxija għal distribuzzjoni "iktar ġusta" tal-oneru tal-prova, ma jistax jitqiegħed fuq l-intimat oneru sproporzjonat jew irraġonevoli. F'dan ir-rigward, intimat bħal Frontex ma jistax ikun obbligat li jipproduċi prova ta' fatt negattiv, li huwa impossibbli li jiġi prodott [85], jew li jipprova xi ħaġa, li minn perspettiva oġġettiva, tkun totalment irraġonevoli li jkun meħtieġ minnu [86] pereżempju, fejn il-fatti inkwistjoni jaqgħu "kompletament barra mill-kamp ta' influwenza u ta' għarfien tiegħu" [87].

54. Barra minn hekk, is-sempliċi eżistenza ta' nuqqas ta' simetrija bejn il-partijiet fil-kontenzjuż fl-aċċess għal informazzjoni jew saħansitra għal riżorsi legali u għal assistenza, filwaqt li hija possibbilment sfortuna, ma hijiex xi ħaġa li qorti, bħala prinċipju, tista' raġonevolment tkun mistennija jew fil-fatt għandha ssolvi fuq bażi *ad hoc* billi tapplika xi miżura idealizzata ta' ġustizzja jew ekwità [88].

84 Ara, b'analoġija, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi f'Meister (C-415/10, EU:C:2012:8, punt 34).

85 Sentenzi tal-24 ta' Marzu 1988, Il-Kummissjoni vs L-Italja (104/86, EU:C:1988:171, punt 11) u tal-4 ta' Lulju 2024, EUIPO vs KD (C-5/23 P, EU:C:2024:575, punt 47).

86 Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-10 ta' April 2014, Areva *et* vs Il-Kummissjoni (C-247/11 P u C-253/11 P, EU:C:2014:257, punti 80, 81, 92 u 98).

87 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella f'Harman International Industries (C-175/21, EU:C:2022:481, punt 91). Ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Campos Sánchez-Bordona f'Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-482/14, EU:C:2016:368, punt 96).

88 Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tintervjeni f'tali kawżi u għandhom japplikaw ir-regoli normali dwar l-oneru tal-prova.

55. Il-ġudikatura u l-leġiżlatur jistgħu, madankollu, f'ċerti ċirkustanzi, jagħżlu jew ikunu meħtieġa li jintervjenu b'mod pożittiv jew kostruttiv sabiex jiżguraw il-protezzjoni effettiva ta' ċerti drittijiet jew prinċipji u/jew aċċess għal ġustizzja[89]. Ir-raġunijiet u l-portata ta' tali intervent għandhom, fil-fehma tiegħi, ikunu ddettati u ristretti minn raġunijiet b'saħħithom u persważivi. Fejn isir intervent, ħafna drabi jkun ibbażat fuq prattika li ilha teżisti u esperjenza kbira f'qasam partikolari[90]. Dan huwa partikolarment evidenti mill-ġurisprudenza antidiskriminatorja tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar tkeċċijiet kollettivi u refoulement kif enfasizzati f'dawn il-konklużjonijiet. Barra minn hekk, intervent għandu jkun strettament imkejjel u proporzjonat għall-"ħsara" li jfittex li jirrimedja.

56. Hemm linja komuni fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti EDB dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova li hija bbażata fuq il-koeżistenza ta' numru ta' kundizzjonijiet.

57. L-ewwel, qabel jiġi evalwat jekk l-oneru tal-prova għandux jiġi invertit u jitqiegħed fuq l-intimat, għandu jiġi aċċertat jekk ir-rikorrent ipproduċiex prova *prima facie* insostenn tal-azzjoni tiegħu. Filwaqt li jista' jkun hemm abbundanza ta' provi konvinċenti u oġġettivi ta' tkeċċija kollettiva partikolari, jekk ir-rakkont tar-rikorrent li jqiegħdu fil-qalba tal-avvenimenti[91] jkun inkonsistenti jew inkoerenti u/jew ikun hemm dubji kbar dwar il-kredibbiltà tiegħu, ir-rikorrent ma jkunx ipproduċa *prima facie* prova insostenn tal-azzjoni. L-oneru tal-prova tal-bidu, li jistrieħ dejjem fuq ir-rikorrent, għalhekk ma jkunx issodisfatt u l-azzjoni jkollha tiġi miċħuda[92].

58. Isegwi minn dan li fil-każ biss li r-rikorrenti jkun ġabar prova *prima facie* insostenn tar-rikors tiegħu li l-kwistjoni tal-oneru tal-prova u l-inverżjoni tiegħu tirriżulta u li jkollha tiġi indirizzata.

59. It-tieni, anki jekk ir-rikorrent ikun ipproduċa prova *prima facie* insostenn tal-azzjoni tiegħu, sabiex l-oneru tal-prova jdur fuq l-intimat, irid ikun hemm nuqqas ta' simetrija ċara u strutturata bejn dawn il-partijiet fir-rigward tal-aċċess għall-provi. Ir-rikorrent għandu jkollu diffikultà kunsiderevoli fil-produzzjoni tal-provi filwaqt li l-intimat għandu jkun f'pożizzjoni aħjar jew iktar "privileġġata"[93]. Tal-aħħar għalhekk ma huwiex ser jiltaqa' ma' *probatio diabolica* u jista' jkun mistenni raġonevolment li jkun f'pożizzjoni li jirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

[89] Fil-fatt, intervent jista' jestendi lil hinn mill-kwistjoni ta' distribuzzjoni tal-oneru tal-prova. Ara l-Qorti EDB, 9 ta' Ottubru 1979, Airey vs L-Irlanda (CE:ECHR:1979:1009JUD000628973) dwar id-dritt għal għajnuna legali f'kawżi ċivili. Ara wkoll, l-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall- ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata għan-nom tal-Komunità Ewropea mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU 2006, L 164M, p. 17), Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠU 2015, L 174, p. 44) u s-sentenza tal-15 ta' Marzu 2018, North East Pylon Pressure Campaign u Sheehy (C-470/16, EU:C:2018:185) dwar ir-rekwiżit li ċerti proċeduri ġudizzjarji fil-qasam tal-ambjent ma għandhomx ikunu ta' spiża projbittiva. Ir-regoli tal-proċedura tal-qrati jistgħu jkunu adattati sabiex jipproteġu lil partijiet vulnerabbli bħall-minuri u sabiex jiksbu x-xhieda tagħhom.

[90] Ara l-punti 30 sa 34 ta' dawn il-konklużjonijiet dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni antidiskriminatorja u l-oneru tal-prova. Ara wkoll il-punti 40 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB dwar detenzjoni sigrieta u tkeċċijiet kollettivi.

[91] Konsegwentement turi li huwa vittma tat-tkeċċija kollettiva inkwistjoni. Prova b'saħħitha li kien hemm prattika sistematika ta' refoulement fiż-żmien u fil-post rilevanti hija insuffiċjenti waħedha. Ara d-Deċiżjoni G.R.J. punti 225 u 226.

[92] Ara, b'analoġija, id-Deċiżjoni G.R.J.

[93] Dawn huma żewġ sottokundizzjonijiet awtonomi iżda loġikament marbuta.

60. It-tielet, nuqqas ta' inverżjoni tal-oneru tal-prova malli r-rikorrent ikun stabbilixxa kawża *prima facie* jċaħħdu jew irendi ineffettivi d-drittijiet (fundamentali) tiegħu protetti mid-dritt tal-Unjoni u jista', b'mod addizzjonali, jippreġudika d-drittijiet tar-rikorrent skont l-Artikolu 47 tal-Karta filwaqt li din l-inverżjoni ma tippreġudikax id-drittijiet tal-intimat abbażi tiegħu [94].

61. Ir-raba', hemm preżunzjoni fil-leġiżlazzjoni antidiskriminatorja tal-Unjoni [95] u kawżi ta' tkeċċija kollettiva u ta' refoulement quddiem il-Qorti EDB *kontra Stati Kontraenti* li r-rikorrent huwa fi żvantaġġ fil-produzzjoni tal-provi insostenn tal-azzjoni tiegħu filwaqt li l-intimat huwa f'pożizzjoni aħjar jew iktar "privileġġata" sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrent. Malli r-rikorrent f'tali kawżi jkun ipproduċa prova *prima facie* insostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu, l-oneru tal-prova sabiex jiġu kkonfutati dawn l-allegazzjonijiet (awtomatikament) idur fuq l-intimat [96].

62. Il-ħames, fil-każ ta' allegata tkeċċija kollettiva jew refoulement li jinvolvu awturi *li ma jkunux l-awtoritajiet ta' Stat Membru* – f'dan il-każ, Frontex – il-preżunzjoni deskritta fir-raba' kundizzjoni ma tapplikax. Minħabba li tali atturi għandhom setgħat limitati meta mqabbla mal-awtoritajiet ta' Stat Membru, ma huwiex evidenti jekk u sa liema punt l-azzjonijiet tagħhom jikkontribwixxu għad-diffikultà esperjenzata mir-rikorrenti fil-produzzjoni tal-provi tal-involviment tagħhom fl-avvenimenti inkwistjoni. Barra minn hekk, minħabba s-setgħat iktar limitati ta' tali atturi, ma huwiex immedjatament ċar jekk humiex f'pożizzjoni aħjar jew iktar "privileġġata" sabiex jirribattu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent. Isegwi minn dan li l-ewwel, it-tieni u t-tielet kundizzjonijiet deskritti fil-punti 57 sa 60 ta' dawn il-konklużjonijiet japplikaw b'mod sħiħ għal kawżi bħal din li jinvolvu atturi li ma jkunux l-awtoritajiet ta' Stat Membru [97].

63. Ma huwiex evidenti, minħabba l-eżami limitat tal-kawża fl-ewwel istanza, jekk it-tieni u t-tielet kundizzjoni jistgħux jiġu ssodisfatti f'din il-kawża. Il-Qorti Ġenerali bla ebda mod ma eżaminat l-involviment u l-għarfien ta' Frontex f'dak li jirrigwarda l-allegati avvenimenti tat-28 u tad-29 ta' April 2020. Dik il-qorti indirizzat esklużivament il-kwistjoni ta' dannu kkawżat lill-appellant u jekk huwa kienx preżenti u involut f'dawn l-avvenimenti. Filwaqt li eżami tal-involviment u l-għarfien ta' Frontex fir-rigward tal-allegati avvenimenti sabiex taċċerta ruħha jekk, skont it-tieni u t-tielet kundizzjoni kif deskritti fil-punti 59 u 60 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-oneru tal-prova għandux idur ma jeħtieġx l-eżami sħiħ tar-rekwiżiti indipendenti tal-aġir illegali u kawżalità, in-natura u l-portata tal-involviment u tar-responsabbiltà ta' Frontex għall-avvenimenti [98] huma totalment mhux ċar fid-dawl tal-istat kurrenti tal-proċeduri. Għalhekk ma huwiex evidenti jekk provi sabiex jiġu kkonfutati l-allegazzjonijiet tal-appellant jistgħux (jitqiesu li) ikunu fil-pussess ta' Frontex jew taħt il-kontroll tagħha.

[94] Ċertament hemm ċertu livell ta' sovrappożizzjoni bejn it-tieni u t-tielet kundizzjoni. Madankollu, iż-żewġ kundizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfatti b'mod sħiħ sabiex idur l-oneru tal-prova li jaqa' 'normalment' fuq ir-rikorrent.

[95] U fil-ġurisprudenza dwarha.

[96] Li kieku dawn il-proċeduri kienu jikkonċernaw l-azzjonijiet ta' Stat Membru, nemmen li r-raġunament enfasizzat mill-Qorti EDB, *inter alia*, fis-sentenza tagħha A.R.E., bħala prinċipju, kien ikun applikabbli. Fejn rikorrent jipproduċi prova *prima facie* li huwa kien vittma ta' tkeċċija kollettiva minn Stat Membru, l-oneru tal-prova jdur u jaqa' fuq tal-aħħar. L-Istat Membru jkun preżunt li jkun f'pożizzjoni li jirribatti l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u jaqa' fuq l-Istat Membru sabiex jipprovdi spjegazzjoni sodisfaċenti u konvinċenti tal-avvenimenti li jistrieħu b'mod sħiħ jew fil-parti l-kbira tagħhom fuq l-għarfien esklużiv tiegħu.

[97] Ara, *a contrario*, is-sentenza J.K. *et* vs L-Isvezja, punt 98 li fiha l-Qorti EDB iddikjarat, fil-kuntest tat-tkeċċija ta' applikant għall-ażil, li awtoritajiet nazzjonali jistgħu jitqiesu li għandhom "aċċess sħiħ għal informazzjoni" li tikkonċerna s-sitwazzjoni oġġettiva fil-pajjiż ta' oriġini kkonċernat.

[98] B'mod partikolari, meta mqabbla mal-irwol tal-awtoritajiet Griegi fl-avvenimenti.

64. F'dan l-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja, qabel ma tiddeċiedi dwar jekk l-oneru tal-prova kellux idur mill-appellant għal Frontex għandha teżamina jekk il-kawża u b'mod partikolari l-konstatazzjonijiet ta' fatt tal-Qorti Ġenerali jpoġġux lill-Qorti tal-Ġustizzja f'pożizzjoni li tevalwa jekk l-appellant ipproduċiex prova *prima facie* tad-dannu.

65. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti Ġenerali kkunsidrat fid-digriet appellat li r-rikors quddiemha kien manifestament nieqes minn kull bażi fid-dritt minħabba li l-provi prodotti mill-appellant quddiem din il-qorti kienu manifestament insuffiċjenti sabiex juru b'mod deċiżiv li huwa kien preżenti u involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020[99]. Il-kliem "manifestament insuffiċjenti" għandu t-tendenza li jimplika li prova *prima facie* ma ġietx prodotta. Madankollu, l-użu fl-istess waqt tal-kelma "deċiżiva" tissuġġerixxi li "l-livell probatorju" kien ġie stabbilit, wara kollox, wisq fil-għoli.

66. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, l-ewwel, li hija f'tali pożizzjoni, u t-tieni, li l-appellant naqas milli jipproduċi prova *prima facie* li turi li huwa kien preżenti u involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-appell għandu jiġi miċħud. Jekk, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li ma hijiex f'tali pożizzjoni jew b'mod alternattiv, li l-appellant jipproduċa prova *prima facie* li turi li kien preżenti u involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-appell huwa fondat, id-digriet appellat għandu jiġi annullat u l-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar jekk humiex applikabbli l-kundizzjonijiet dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova.

## V. Konklużjoni

67. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

għandha tevalwa jekk il-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali u b'mod partikolari l-konstatazzjoni tagħha tal-fatti jippermettux lill-Qorti tal-Ġustizzja tevalwa jekk l-appellant ipproduċiex prova *prima facie* tad-dannu fir-rikors tiegħu ppreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra, l-ewwel, li hija f'tali pożizzjoni u, it-tieni, li l-appellant naqas milli jipproduċi prova *prima facie* li turi li huwa kien preżenti u involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-appell għandu jiġi miċħud. Jekk, madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li ma hijiex f'pożizzjoni jew b'mod alternattiv li l-appellant ipproduċa prova *prima facie* li turi li huwa kien preżenti u involut fl-allegat inċident tat-28 u tad-29 ta' April 2020, l-appell huwa fondat, id-digriet appellat għandu jiġi annullat u l-kawża għandha tintbagħat lura lill-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi dwar jekk humiex applikabbli l-kundizzjonijiet dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-prova.

[99] Ara d-digriet appellat , punti 39 u 62.